# 82

*Rivista li toħroġ kull tliet xhur bl-ewwel ħarġa f'April 1986*

*Computer Setting:*
*Ġwann Abela ofm*
*Joseph Magro ofm*

*Stampat:*
*Gozo Press*

*Il-Materjal kollu li jidher huwa Copyright © ta' l-Istitut Franġiskan u ta' l-Edizzjoni TAU, 2007*

## *Werrej*


- Editorjal . . . . . . . . . . .1
- Pubblikazzjonijiet Edizjoni TAU . . . . . .2
- Klara u l-Ordni Franġiskan . . . . . . . . .5
- It-Tielet Ordni Franġiskan: Tradizzjoni ta' ħajja evanġelika (3) . . . . . . .11
- Johannes Jørgensen e il Francescanesimo . . . .17
- Beati Ġodda Franġiskani Martri . . . . . . . .18
- Kungress tal-Moderaturi OFM . . .20
- Kotba . . . . . . . . . . .22


*Editorjal*

# *SPIRTU U ĦAJJA ON-LINE*

Fl-4 ta' Ottubru 1982 ġiet imwaqqfa l-Edizzjoni TAU fi ħdan il-Provinċja Franġiskana Maltija. Għaddew 25 sena ta' ħidma li matulhom ġew pubblikati 62 kotba, uħud minnhom ta' divulgazzjoni popolari u oħrajn ta' kontenut xjentifiku għoli, kif ukoll żewġ rivisti, speċjalizzati fil-qasam bibliku tal-ħidma tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa u fil-qasam ta' l-istudji Franġiskani. F'din il-ħarġa tar-rivista «Spirtu u Ħajja» insemmu fil-qosor il-ħidma siewja biex jiġu pubblikati kotba dwar Bibbja u Franġiskaneżimu f'Malta, ħidma mibdija minn P. Raymond Camilleri OFM, fundatur ta' l-Edizzjoni TAU.

Kien għal din ir-raġuni taċ-ċelebrazzjoni tal-25 anniversarju ta' l-Edizzjoni TAU li, fil-website tal-Provinċja Franġiskana Maltija, ġiet inkluża sezzjoni li hi intitolata «Franciscan Studies» (www.ofm.org.mt/noelmuscat), li fiha wieħed jista' wkoll isib ir-Rivista «Spirtu u Ħajja» on line.

Fil-fatt, minħabba li jiena attwalment ninsab naħdem fil-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa, u dan joħloq diffikultà għax-xogħol ta' stampa tar-Rivista, ħsibt li noffri opportunità ġdida lill-qarrejja. Mill-1986, is-sena li fiha bdiet toħroġ «Spirtu u Ħajja», innutajt li n-numru ta' persuni li jistgħu jaqrawha kif inhi llum qiegħed dejjem jonqos. Ir-reliġjużi Franġiskani rġiel u nisa naqsu sew fin-numru, u l-Franġiskani Sekulari li jistgħu jaqrawha huma wkoll limitati fil-għadd. Il-fatt li «Spirtu u Ħajja» ssir prevalentement bl-ilsien Malti jillimita ħafna ċ-ċirkolazzjoni tagħha. Dan wassalni biex naħseb li nissemplifika l-affarijiet billi, minn Jannar 2008, ir-Rivista «Spirtu u Ħajja» tibqa' toħroġ regolarment «on line», għal dawk li huma interressati jaqrawha. Fl-istess ħin nibqgħu nipprovdu opportunità ta' kopji stampati għal min jitlobna li jibqa' jirċevihom.

Biex ir-Rivista toħroġ ukoll barra minn xtut gżiritna u tinteressa aktar nies, ħsibna li, minn Jannar 2008, diversi artikli fiha jkunu bl-Ingliż, għalkemm ma aħniex sejrin naqtgħu barra l-Malti. B'hekk nittamaw li l-isforzi ta' preparazzjoni ta' artikli jagħtu frott aħjar jekk wieħed jaqrahom f'lingwa internazzjonali, u fuq mezzi ta' komunikazzjoni aċċessibbli għal kulħadd.

Fl-aħħarnett insellmu t-tifkira ta' ħuna Patri Ġużepp Beneditt Xuereb OFM, li miet fil-11 ta' Ottubru 2007. Patri Ġużepp Beneditt kien Franġiskan li offra l-kollaborazzjoni sħiħa tiegħu f'diversi pubblikazzjonijiet ta' kotba ta' l-Edizzjoni TAU, u li għamel ġieħ lill-Provinċja Franġiskana Maltija bis-servizz tiegħu mhux biss fuq skala lokali, imma wkoll b'riżq l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, l-aktar bħala Ministru Provinċjal, President tal-Kulleġġ Internazzjonali ta' Grottaferrata u Segretarju tal-Pontificia Università Antonianum. L-aħħar perjodu ta' ħajtu Patri Ġużepp Beneditt għaddieh marid, imma baqa' jaħdem sa l-aħħar bħala Assistent Nazzjonali tal-Franġiskani Sekulari u fuq it-traduzzjoni tal-Fonti Aġjografiċi ta' Sant'Antnin, li jkunu pubblikati fix-xhur li ġejjin.

Fr. Noel Muscat ofm

# PUBBLIKAZZJONIJIET EDIZZJONI TAU 25 Sena ta' Ħidma

*Noel Muscat*

### *25 sena ilu: 8 ċentinarju mit-twelid ta' S. Franġisk*

Fl-1982 l-Ordni Franġiskan iċċelebra t-800 anniversarju mit-twelid ta' San Franġisk t'Assisi. Għal din l-okkażjoni l-Patrijiet Minuri f'Malta ħadu ħsieb li jintroduċu diversi inizjattivi bl-iskop li jagħtu spinta ġdida lill-preżenza u xhieda Franġiskana f'pajjiżna fuq bażi aktar professjonali. Dawn l-inizjattivi kellhom l-iskop li jkomplu x-xogħol siewi li kien ilu jsir fuq linji aktar tradizzjonali fil-passat. Fost dawn l-inizjattivi ġodda ta' min isemmi ż-Żjara Franġiskana lill-parroċċi (mill-1 ta' April 1984), u s-Servizz Nisimgħek bħala mezz ta' «counselling» fuq it-telefon (mill-1 ta' Mejju 1984). Uħud minn dawn l-inizjattivi ma tkomplewx minħabba nuqqas ta' personnel. Imma l-aktar impenn innovattiv kien dak tat-twaqqif ta' dar ta' pubblikazzjoni fi ħdan il-Provinċja Franġiskana Maltija.

Fl-4 ta' Ottubru 1982, b'inizjattiva ta' P. Raymond Camilleri OFM, ġiet inawgurata l-Edizzjoni TAU. Kien ilu jinħass il-bżonn li l-patrijiet Franġiskani Maltin jiġu megħjunin biex jippubblikaw ix-xogħolijiet tagħhom fil-qasam bibliku, storiku u letterarju. Sa dak iż-żmien kienu bosta dawk il-patrijiet li kienu ippubblikaw artikli u xogħolijiet oħrajn.

Minn dak il-ħin il-Provinċja Franġiskana Maltija kellha opportunità unika biex tingħata b'mod aktar professjonali għall-apostolat ta' l-istampa, fi żmien meta l-istampa kienet għadha l-uniku mezz ta' divulgazzjoni effikaċi ta' informazzjoni u formazzjoni, qabel il-miġja tal-mezzi kontemporanji ta' informazzjoni diġitali u elettronika.

L-iskop ta' l-Edizzjoni TAU ġie spjegat mill-bidunett waqt laqgħa tal-bord editorjali, immexxija minn Patri Raymond Camilleri fl-24 ta' Novembru 1983. Ġie spjegat li l-Edizzjoni TAU kellha tkun dar ta' pubblikazzjoni tal-Provinċja Franġiskana Maltija li tispeċjalizza prinċipalment fuq żewġ oqsma ta' pubblikazzjonijiet, jiġifieri l-qasam bibliku marbut mal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa, u l-qasam ta' studji Franġiskani għall-formazzjoni ta' patrijiet, sorijiet u sekulari Franġiskani.

Għal dan il-għan l-Edizzjoni TAU sa mill-bidunett ħadet ħsieb li tkompli l-pubblikazzjoni ta' l-unika Rivista Biblika li kien hawn f'Malta f'dak iż-żmien, li kienet tissejjaħ «Leħen l-Art Imqaddsa», u li kienet bdiet toħroġ fl-1955. Kompliet is-sensiela taħt isem ġdid, «L-Art Imqaddsa».

Fil-kamp Franġiskan, l-Edizzjoni TAU introduċiet Rivista ta' Kultura Franġiskana bl-isem «Spirtu u Ħajja», li bdiet toħroġ f'April 1986.

Id-diretturi ta' l-Edizzjoni TAU matul dawn l-aħħar 25 sena kienu P. Raymond Camilleri (1984-1997), P. George Bugeja (1997-2005), u P. Joseph Magro (mill-2005).

### *Pubblikazzjonijiet ta' l-Edizzjoni TAU (1982-2007)*

AWTURI VARJI, Inti Franġisku. 10 Konferenzi fl-Istitut Kattoliku fl-okkażjoni tat-8 ċentenarju mit-twelid ta' S. Franġisk (6-10 Settembru 1982), pp. 116.

ĠWANN ABELA, Għaliex Int? Riflessjoni biblika fuq il-Verġni Marija taħt forma ta' dramm, 1982, pp. 36.

ĠORĠ AQUILINA, L-Ispiritwalità Franġiskana, 1982, pp. 143.

ĠUŻÈ CREMONA, Ward ta' Lotus. Poeżiji, Daħla tal-Prof. Oliver Friggieri, 1982, pp. 88.

ĠUŻEPP B. XUEREB, Regola u Ħajja, 1983, pp. 181.

ĠORĠ AQUILINA, Il-Moviment Franġiskan, 1984, pp. 232.

MARJANU VELLA, Qoffa Riħ. Poeżiji, Daħla kritika ta' Prof. Oliver Friggieri, 1985, pp. 112.

ĠORĠ AQUILINA, Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt, 1986, pp. 116.

ANĠLU E. FENECH, Ġenna fl-Art, Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Ltd. u Edizzjoni TAU, 1986, pp. 236.

It-Triq tas-Salib, Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa u Edizzjoni TAU, 1987, pp. 32.

RAYMOND CAMILLERI, ĠWANN ABELA U OĦRAJN, Nisrani Illum, 1988, pp. 235.

Il-Kitbiet ta' San Franġisk u Santa Klara, Traduzzjoni ĠUŻEPP B. XUEREB, MARJANU VELLA, MARIJA IMMAKULATA BELLIZZI, Introduzzjoni NOEL MUSCAT, I Edizzjoni 1986, II Edizzjoni 1993, pp. 275.

NOEL MUSCAT, Franġiskani Veri. Ħajjiet ta'

Qaddisin Franġiskani b'messaġġ għal żmienna, 1987, pp. 131.

ANTON ABELA, Kelmet Alla f'Kitbiet il-Bniedem, 1989, pp. 107.

NOEL MUSCAT, The Life of Saint Francis in the Light of Saint Bonaventure's Theology on the «Verbum Crucifixum», 1989, pp. 271.

JULIAN SAMMUT, La Direzione Spirituale nella Vita e nell'Attività Apostolica dei Frati Minori. Dottrina e Prassi, 1989, pp. 303.

MARJANU VELLA, Demm fuq il-Verna. Poeżiji (1985-1988), Preżentazzjoni ta' Prof. Oliver Friggieri, 1989, pp. 78.

Ejjew Għandi. Viżti lil Ġesù Sagramentat għal kull jum tax-xahar, ta' S. Alfons M. De Liguori, Traduzzjoni MARJANU VELLA, 1989, pp. 59.

Nadurawk, Kristu, u nberkuk. Talb għal nhar ta' Ġimgħa quddiem il-Kurċifiss Mirakoluż tal-Belt, 1989.

ĠWANN ABELA, Il-Bibbja fl-Ambjent tagħha. Ġabra ta' tagħrif, 1990, pp. 275.

Il-Fjuretti ta' San Franġisk t'Assisi, Traduzzjoni ĠUŻEPP B. XUEREB, Introduzzjoni NOEL MUSCAT, Disinni RAYMOND FALZON, 1990, pp. 165.




LAWRENZ SCIBERRAS, Persunaġġi Nisa fil-Bibbja, 1991, pp. 175.

GWIDO SCHEMBRI, Klara t'Assisi. Il-Mara l-Ġdida, 1992, pp. 90.

GWIDO SCHEMBRI, San Ġużepp, l-Għarus ta' Marija, 1992, pp. 66.

IVO TONNA, Lineamenti di Filosofia Francescana. Sintesi dottrinale del Pensiero Francescano nei secoli XIII-XIV, 1992, pp. 333.

Klara ta' Assisi. Għejun Medjevali dwar Ħajjitha, Introduzzjoni NOEL MUSCAT, Traduzzjoni ĠUŻEPP B. XUEREB, 1993, pp. 110.

LAWRENZ SCIBERRAS, Festi Liturġiċi tal-Lhud, 1993, pp. 201.

MARIJA IMMAKULATA BELLIZZI – NOEL MUSCAT, Klara t'Assisi u l-Ispiritwalità tat-Tieni Ordni Franġiskan, 1994, pp. 91.

GWIDO SCHEMBRI, S. Antnin ta' Padova, il-Bniedem Evanġeliku, 1995, pp. 95.

GEORGE AQUILINA – STANLEY FIORINI, The Origin of Franciscanism in Late Medieval Malta, 1995, pp. 110.

ĠORĠ AQUILINA – MARCELLO GHIRLANDO – NOEL MUSCAT – IVO TONNA – ĠUŻEPP B. XUEREB, Min Kien Sant'Antnin ta' Padova, 1995, pp. 128.

FERNANDO URIBE ESCOBAR, Franġisku Ħajja li tisfidak, Traduzzjoni mill-oriġinal Francisco para ti. Una vita que cuestiona ta' Noel Muscat, 1995, pp. 135.

NOEL MUSCAT, Assisi mal-Franġiskani. Gwida għas-Santwarji Franġiskani ta' Assisi, La Verna u l-Valle Reatina, 1996, pp. 104.

DANIEL BARTOLO, Lejn l-Imħabba, 1997, pp. 144.

MARCELLO GHIRLANDO – DAVID ZAMMIT, Kristu Rebbieħ fuq ix-Xitan. Sfida dejjem żagħżugħa, 1997, pp. 200.

San Bonaventura. Il-Ħajja ta' San Franġisk. Is-Siġra tal-Ħajja. Il-Mixja tar-Ruħ lejn Alla, Traduzzjoni ĠUŻEPP B. XUEREB, 1998, pp. 175.

Bierku lill-Mulej. Nitolbu ma' Franġisku u Klara, 1999, pp. 80.

MURRAY BODO, Franġisku, il-Mixja u l-Ħolma, Traduzzjoni mill-oriġinal Francis, the Journey and the Dream, ta' Ġużepp B. Xuereb, 1999, pp. 136.

NOEL MUSCAT, Storja Qasira ta' l-Ordni Franġiskan Sekular, 1999, pp. 16.

GUIDO SCHEMBRI, Franġisku, il-Fqajjar t'Assisi, I Edizzjoni 1976, II Edizzjoni 1991, III Edizzjoni 1999, pp. 72.

ĠWANN ABELA, L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani. Gwida għas-Santwarji, Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa u Edizzjoni TAU, I Edizzjoni 1985, pp. 127; III Edizzjoni 2000, pp. 255.

ĠORĠ AQUILINA, Il-Franġiskani f'Għajnsielem. Il-Knisja u l-Kunvent ta' S. Antnin. 100 Sena ta' Storja (1899-1999), Preżentazzjoni ta' Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, 2000, pp. 117.

«Fraħt meta qaluli sejrin f'dar il-Mulej». Talb

għall-pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa, Tħejjija tal-materjal MARCELLO GHIRLANDO u NOEL MUSCAT, Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa u Edizzjoni TAU, III Edizzjoni 2000, pp. 136.

GUIDO SCHEMBRI, L-Atti ta' l-Appostli, 2000, pp. 56.

GUIDO SCHEMBRI, San Bernardin minn Siena. Dawl ta' l-Italja u ta' l-Ordni Serafiku, 2000, pp. 80.

MONS. SYLVESTER C. MAGRO, Il-Verġni Marija fil-Bibbja, 2001, pp. 88.

MARJANU VELLA, Glorja tal-Kleru Malti. Beatu Nazju Falzon, Edizzjoni riveduta u aġġornata minn Ġorġ Aquilina, 2001, pp. 80.

ĠUŻEPP B. XUEREB, «Mur Franġisku sewwi d-Dar tiegħi». Spjega tas-Salib Biżantin li kellem lil San Franġisk t'Assisi, 2001, pp. 24.

JOHN ABELA, The Way of the Cross in the footsteps of Jesus in Jerusalem, Commissariat of the Holy Land, Malta 2002, pp. 60.

«Aħna li għexna miegħu». Il-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi mill-Pinna ta' l-Ewlenin Sħabu. «Leggenda dei Tre Compagni». «Anonimo Perugino», Introduzzjoni u Traduzzjoni ta' NOEL MUSCAT, 2002, pp. 128.

Manwal ta' l-Ordni Franġiskan Sekular. Regola, Kostituzzjonijiet Ġenerali u Ritwal OFS, Traduzzjoni tar-Regola MARJANU VELLA, Introduzzjoni Storika u Traduzzjoni tal-Kostituzzjonijiet u Ritwal NOEL MUSCAT, Assistent Nazzjonali OFS, 2002, pp. 144.

GUIDO SCHEMBRI, Tifħir lill-Verġni Marija. Traduzzjoni tas-«Salterju Marjan żgħir tad-Duttur Serafiku San Bonaventura ta' Bagnoregio», 2002, pp. 48.

GUIDO SCHEMBRI, San Pawl. Tagħrif fuq Ħajtu u l-Ittri li kiteb, 2003, pp. 175.




GUIDO SCHEMBRI, Kors Ġdid fuq il-Bibbja. Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa, 2003, pp. 213.

Quddiesa għat-Tfal. Biex tintuża fil-Knejjes Franġiskani, 2003, pp. 28.

MURRAY BODO, Klara dawl fil-ġnien, Traduzzjoni mill-oriġinal Clare, a Light in the Garden ta' Ġużepp B. Xuereb, 2004, pp. 121.

NOEL MUSCAT, «Tota Pulchra es Maria». John Duns Scotus, il-Franġiskani u l-Immakulata. 150 Sena mill-Proklamazzjoni tad-Domma ta' Fidi ta' l-Immakulata (8 ta' Diċembru 1854), 2004, pp. 115.

Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi. Il-Kitbiet ta' San Franġisk. Fonti Medjevali tal-Ħajja ta' San Franġisk, Traduzzjoni mill-Edizzjoni Kritika Latina NOEL MUSCAT, MARJANU VELLA, ĠUŻEPP B. XUEREB, Introduzzjonijiet u apparat kritiku NOEL MUSCAT, Preżentazzjoni ta' JOHANNES BAPTIST FREYER, Rector Magnificus Pontificia Università Antonianum, Roma, 2 Volumi, Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri u Edizzjoni TAU, 2 Volumi, 2005, pp. 599. ISBN 99909-48-29-1 (Vol. 1); 99909-48-30-5 (Vol. 2).

GUIDO SCHEMBRI, It-Testment il-Ġdid. Traduzzjoni mit-testi oriġinali għall-Malti, 2005, pp. 575.

Fonti għall-Ħajja ta' Santa Klara. Il-Kitbiet ta' Santa Klara. Fonti Medjevali tal-Ħajja ta' Santa Klara, Traduzzjoni mill-Edizzjoni Kritika Latina MARIJA IMMAKULATA BELLIZZI, NOEL MUSCAT, ĠUŻEPP B. XUEREB, Introduzzjonijiet u apparat kritiku NOEL MUSCAT, Preżentazzjoni ta' ROSE THERESE ELLIS, Abbadessa tal-Monasteru ta' S. Klara, Sorijiet Klarissi tal-Monasteru Santa Klara u Edizzjoni TAU, 2006, pp. 460. ISBN 99909-48-33-2.

GUIDO SCHEMBRI, Il-Ktieb ta' Ġob. Miktub għal min bata jew qiegħed ibati, Traduzzjoni, Tifħir u Riflessjonijiet. Daħla tal-Prof. Oliver Friggieri, 2006, pp. 94.

Talb bl-interċessjoni tal-Beatu Nazju Falzon, Materjal miġbur u mħejji minn MARCELLO GHIRLANDO, 2007, pp. 21.

Fil-preparazzjoni: Fonti għall-Ħajja ta' Sant'Antnin ta' Padova, Traduzzjoni mill-Edizzjoni Kritika Latina NOEL MUSCAT u ĠUŻEPP B. XUEREB, Introduzzjonjiet u apparat kritiku NOEL MUSCAT, Preżentazzjoni ta' RAYMOND CAMILLERI, Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri u Edizzjoni TAU, 2007.

# KLARA U L-ORDNI FRANĠISKAN

Felice Accrocca

## Klara u sħab Franġisku

Fis-16 ta' Lulju 1228 il-Papa Girgor IX iddikjara lil Franġisk ta' Assisi qaddis fil-knisja ta' San Giorgio f'Assisi[1]. L-istess Papa inkariga lil fra Tommaso da Celano biex jikteb il-ħajja tal-fundatur ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri. Fil-Prologu tal-«Vita Sancti Francisci» (1C), ippreżentata lil Girgor IX fil-25 ta' Frar 1229, Celano jikteb: "skond il-kmand tal-glorju sinjur Papa Girgor, kif stajt, ktibt bir-reqqa l-aktar dawk l-affarijiet li jiena smajt minn fommu, jew li sirt nafhom minn xhieda fidili u ippruvati fis-sincerità tag hom"[2].

Minkejja din l-affermazzjoni ta' Celano, ma jidhirx li l-kumpanji l-aktar intimi ta' San Franġisk xehdu għall-qdusija tiegħu f'dan iż-żmien, l-aktar għax il-memorja tal-qaddis kienet friska fl-istess moħħ ta' Celano. Fil-fatt, ix-xhieda ta' sħab San Franġisk insibuha mitluba b'urġenza aktar tard, fl-1246, mill-ministru ġeneral Crescenzio da Iesi. Kien fil-11 ta' Awissu 1246 li t-"Tre Compagni", fra Leone, fra Rufino u fra Angelo, kitbu ittra minn Greccio, li magħha inkludew it-tifkiriet tagħhom u ta' patrijiet oħrajn dwar San Franġisk. Dan ir-rotolo, li baqa' magħruf bħala «florilegium» ta' Greccio, intuża minn Celano biex kiteb it-tieni ħajja ta' San Franġisk, intitolata «Memoriale in Desiderio Animae» (2C), fl-1247. Ma' sħab San Franġisk l-istudjużi jinkludu lil Santa Klara t'Assisi, hekk li jitkellmu minn "ciclo di San Damiano" f'2C 204-207[3].

Jista' jagħti l-każ li l-motiv li wassal lil Klara u lil sħab San Franġisk biex jibgħatu t-tifkiriet tagħhom fl-1246 kien minħabba l-promulgazzjoni ta' l-Ittra «Ordinem vestrum» ta' Innoċenz IV (14 Novembru 1245), li kienet interpretazzjoni oħra tar-Regola Franġiskana wara l-«Quo elongati» ta' Girgor IX (28 Settembru 1230), u li naqqset sewwa l-impenn ta' osservanza stretta tal-faqar. Klara u ċ-ċirku ta' sħab San Franġisk mill-Umbria għamlu li setgħu biex ifakkru fl-idejali oriġinali li kien ried il-qaddis. L-oppożizzjoni għall-«Ordinem vestrum» kienet hekk qawwija li l-kapitlu ġenerali ta' Metz ta' l-1254 kiseb is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' din l-Ittra papali, deċiżjoni ratifikata fil-kapitlu ġenerali ta' Narbonne ta' l-1260.

Mill-banda l-oħra nibqgħu skantati kif 2C titkellem mis-Sorijiet Foqra («Povere Dame di San Damiano») imma qatt ma ssemmi lil Klara b'isimha[4]. Wara kollox, lanqas ma ssemmi lil fra Leone, li kien persunaġġ hekk importanti biex wieħed jista' jifhem l-intenzjonijiet awtentiċi ta' San Franġisk.

Irridu nieħdu f'idejna l-«Compilatio Assisiensis» (CA), miktuba ċertament minn sħab San Franġisk x'aktarx fl-istess żmien ta' 2C, biex insibu riferiment ċar għar-rwol ta' Klara: "is-sinjura Klara, l-ewwel xitla ta' l-Ordni tas-sorijiet, abbadessa tal-Povere Dame tal-monasteru ta' San Damiano f'Assisi, li kienet tixba f'kollox lil San Fran isk fil- arsien dejjiemi tal-faqar ta' l-Iben ta' Alla"[5]. F'dawn l-espressjonijiet nilmħu xi elementi importanti. Klara tiġi murija bħala abbadessa tal-«Povere Dame», mingħajr l-ebda riferiment għall-fatt li dawn is-sorijiet kienu «recluse» (fil-klawsura), kif ġie li kienu jissemmew f'dokumenti uffiċjali. Imbagħad l-isem li jingħata mhuwiex dak uffiċjali ta' «Ordo Sancti Damiani», imma sempliċement «sororum pauperum monasterii Sancti Damiani de Assisio». Fuq kollox, Klara hi murija bħala «plantula» (xitla ċkejkna) ta' l-imqaddes Franġisku fl-osservanza tal-faqar ta' Ġesù. L-istorja ta' Klara, mela, tidher marbuta ma' dik ta' l-Ordni minoritiku, jew aħjar ma' parti minnu, dik magħmula minn sħab San Franġisk.

Nafu li fra Leone u fra Angelo kienu maġenb Klara hi u tmut fil-11 ta' Awissu 1253[6]. Xi studjużi ħarġu bl-ipotesi li dawn sħab San Franġisk kienu, fil-fatt, il-membri tal-komunità minoritika li kienet tassisti lill-monasteru ta' San Damiano. L-istess insibuhom preżenti flimkien ma' fra Marco, nhar l-24 ta' Novembru 1253, fil-kjostru ta' San Damiano, fejn assistew għad-depożizzjoni tax-xhieda fl-Atti tal-Proċess ta' kanonizzazzjoni ta' Klara, immexxijin minn Bartolomeo, arisqof ta' Spoleto, Leonardo, arċidjaknu ta' Spoleto, Giacomo, arċipriet ta' Trevi, u Martino, nutar[7].

Fil-każ ta' San Bonaventura nsibu li hemm distakk ċar bejn il-patrijiet Minuri u s-sorijiet ta' San Damiano. Fl-1259 Bonaventura, li kien ministru ġeneral, kien ġie infurmat minn fra Leone dwar il-għażla radikali ta' faqar evanġeliku li kienu jgħixu biha l-Povere Dame t'Assisi[8]. Imma meta kiteb il-«Legenda Maior», Bonaventura ħalla barra t-tifħir lil Klara li semmejna f'1C u dak li jingħad dwar il-Povere Dame f'2C. Hemm biss riferimenti ġeneriċi fil-kapitli 4 u 13, u darba waħda biss tissemma Klara bħala dik li, flimkien ma' fra Silvestro, ġiet mitluba minn Franġisku biex tilluminah dwar jekk għandux jingħata għall-kontemplazzjoni jew għall-predikazzjoni[9]. F'dan id-distakk ta' Bonaventura nilmħu l-



tat-Toscana jitlobhom biex iħarsu «reverenter» ir-Regola Urbaniana.

Fl-1265 il-Papa Klement IV indirizza ittra «Ut Ordo beatae Clarae» lill-viżitatur tal-Provinċja Umbra tal-patrijiet Minuri, li fiha jilminta li bosta monasteri ta' Sorijiet Foqra fl-Umbria kienu għadhom jinsistu li josservaw il-Kostituzzjonijiet tal-kardinal Ugolino (1219) flimkien mar-Regola Benedittina, u ma riedux jaċċettaw ir-Regola ta' Urbanu IV. Hu jitlob lill-patrijiet biex jgħinu lill-kardinal protettur biex iġiegħel lis-Sorijiet Foqra jobdu, inkella kien jaqtagħhom barra mill-Ordni ta' Santa Klara u jqiegħdhom taħt l-awtorità ta' l-isqfijiet djoċesani.

Ir-reżistenza għar-Regola Urbaniana damet sew, jekk fl-1297 Matteo Rosso Orsini kiteb lill-ministru ġeneral u lill-ministri provinċjali ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, u ħeġġiġhom biex jagħmlu kull sforz ħalli jikkonvinċu lil dawk il-komunitajiet monastiċi ta' Klarissi li kienu għadhom ma jridux iħaddnu r-Regola ta' Urbanu IV[11]. Saħansitra xi monasteri rnexxielhom jisgiċċaw mill-ordni papali billi kienu jippreferu jadottaw ir-Regola mogħtija lil Isabella ta' Franza għall-monasteru ta' Longchamp.

polemika li kien hemm fis-snin 1260-1263 bejn il-patrijiet Minuri u s-sorijiet ta' l-Ordni ta' San Damiano rigward is-servizz li dawn ta' l-aħħar kienu jistennew mill-patrijiet, skond dak li kien wegħedhom San Franġisk[10].

### *Patrijiet Minuri, Sorijiet Foqra, u Sede Apostolika fit-tieni nofs tas-seklu 13*

Fra Leone x'aktarx li kien għas-servizz tal-komunità ta' San Damiano. B'hekk nifhmu aħjar għaliex kien hu li, fl-1259, tkellem dwarhom mal-ministru ġeneral Bonaventura, u għaliex ħalla fil-monasteru ta' Santa Klara f'Assisi l-famużi rotoli tat-tifkiriet tiegħu dwar San Franġisk u l-brevjar tal-qaddis li għadu mħares sallum bħala relikwa. Fl-1263 il-Papa Urbanu IV kien ta l-Bulla «Beata Clara» bir-Regola ġdida lis-Sorijiet Foqra, li fiha iddikjara l-isem uffiċjali tagħhom: «Ordo Sanctae Clarae» (OSC), jew Klarissi, kif għadhom magħrufin illum. Din ir-Regola kienet differenti ħafna mir-Regola ta' Santa Klara ta' l-1253, u mhux ħaġa kbira li l-monasteru ta' Assisi irreżista din in-novità mhix mistennija, l-aktar għaliex b'hekk il-Klarissi ma setgħux aktar jgħixu l-ispirtu ta' faqar kif kienet tridu Klara, li kienet ilha mejta għaxar snin. Il-kardinal protettur Giovanni Gaetano Orsini ħadem biex din ir-Regola Urbaniana tkun imħarsa fil-monasteri kollha tal-Klarissi. F'ittra lill-Klarissi

### *Ir-reżistenza tal-Klarissi tal-monasteru ta' Assisi*

Fil-31 ta' Diċembru 1266, il-Klarissi tal-protomonasteru ta' Assisi kienu talbu u qalgħu mingħand il-Papa Klement IV l-ittra «Solet annuere», li biha hu ikkonferma għalihom il-ħarsien tar-Regola ta' Santa Klara, ikkonfermata minn Innoċenz IV fl-1253[12]. Jista' jkun li, flimkien mas-sorijiet tal-monasteru, kien hemm l-inizjattiva mħeġġa ta' fra Leone, li kien jiddefendi l-fedeltà lejn l-idejali oriġinali tal-ħajja Franġiskana, u li dak iż-żmien kien jinsab Assisi[13]. Mill-1266 is-sitwazzjoni ġuridika tal-protomonasteru ta' Assisi inbidlet, għaliex fl-ebda dokument papali ma kien jingħad aktar li l-monasteru ta' Assisi kien jappartjeni għall-Ordni ta' Santa Klara, isem li kien jindika unikament il-monasteri li laqgħu r-Regola ta' Urbanu IV[14]. Din il-qagħda damet sas-26 ta' Mejju 1288, meta l-Papa Franġiskan Nicolò IV emana l-bulla «Devotionis vestrae» li fiha obbliga lill-Klarissi tal-protomonasteru ta' Assisi biex jilqgħu r-Regola ta' Urbanu IV[15].

L-istess pittura famuża tal-Maestro di Santa Chiara turi tmien episodji mill-ħajja tal-qaddisa, li ħamsa minnhom huma marbutin ma' l-ewwel ġranet tal-konverżjoni ta' Klara u jagħtu importanza lir-rwol li kellu Franġisku fil-vokazzjoni tagħha. Is-sitt xena, dik tal-moltiplikazzjoni tal-ħobża, turi wkoll

ir-rabta tal-komunità ta' San Damiano mal-patrijiet Minuri, li lilhom tintbagħat nofs il-ħobża. L-aħħar xena, dik tal-funerali ta' Klara, turi lill-patrijiet Minuri quddiemnett, f'qagħda importanti daqs dik tal-Papa u tal-membri tal-kurja. Din ir-raffigurazzjoni ta' l-1283 turi l-intenzjoni espliċita li r-Regola ta' Santa Klara tkun murija bħala forma ta' ħajja istitwita minn San Franġisk. Il-pittura ġie kummissjonata mill-isqof Simone t'Assisi, li kien patri minuri u kustodju tal-kunvent ta' San Franġisk[16]. Interessanti li Klara tidher bil-velu abjad, li fuqu hemm velu iswed li mbagħad jintemm taħt il-mantell. Issa l-velu doppju tal-Klarissi jidher għall-ewwel darba fir-Regola ta' Urbanu IV[17]. Skond l-istudjuż ta' din il-pittura N. Kuster, din ir-rappreżentazzjoni tindika l-mixja li kienet għamlet il-komunità monastika, minn San Damiano al monasteru ta' Assisi, u mir-Regola ta' Santa Klara għal dik ta' Urbanu IV[18]. Din it-teżi, iżda, ma jaqbilx magħha l-awtur ta' dan l-artiklu, li jgħid li r-Regola ta' Urbanu IV kienet tordna l-iskapular, u hawnhekk ma jidhirx, kif ukoll li l-velu ma kellux iħalli l-wiċċ tas-soru ħieles, kif tidher hawnhekk Klara, imma kellu jgħatti r-ras b'tali mod li jibqgħu mikxufin biss il-ħaddejn, l-għonq u l-gerżuma.

### *Il-liturġija tal-festa ta' Santa Klara*

Fil-15 ta' Awissu 1255 Klara ġiet kanonizzata f'Anagni minn Alessandru IV[19]. Il-«Chronica XXIV generalium» tgħid li fil-kapitlu ġenerali ta' Ruma ta' l-1257 ġie stabilit, quddiem il-Papa Alessandru IV, li l-festa ta' Santa Klara kellha tkun iċċelebrata bir-rit doppju[20].

Alessandru IV mhux biss kien l-awtur tal-kanonizzazzjoni ta' Klara, imma wkoll tat-trasmissjoni tal-kult u l-memorja tagħha, permezz tal-«Legenda Sanctae Clarae Virginis» li hu ordna li tinkiteb.

Bejn l-1256 u l-1260 il-kult lejn Klara jidher dokumentat f'ħafna knejjes tal-patrijiet Minuri fiċ-ċentru u t-tramuntana ta' l-Italja. L-isem ta' Klara jidher maġenb dawk ta' Franġisk u Antnin f'serje ta' ittri papali ta' l-1256-1257 mibgħutin lill-patrijiet Minuri fil-kunventi ta' Pisa, Recanati, Costanza, Faenza, Verona, Venezia, Bologna, Perugia, Bergamo, Ruma, L'Aquila, Fano, La Verna, Spello, München, Orte, Ascoli, Velletri, Ferentino, li fihom Alessandru IV ikkonċeda mitt jum indulġenza lil min iżur l-oqbra ta' dawn il-qaddisin Franġiskani f'jum il-festa tagħhom u matul l-ottava.

Fil-kapitlu ġenerali ta' Narbonne (1260) l-uffiċċju doppju ta' Santa Klara ġie konfermat u l-isem ta' Klara ġie mdaħħal fil-litaniji tal-qaddisin fi tmiem is-salterju, wara s-salmi penitenzjali. Il-kapitlu ġenerali ta' Pisa (1263) ordna li l-festa ta' Santa Klara, flimkien ma' dik tat-Trinità u tad-Dedikazzjoni tal-knisja, kellha tkun iċċelebrata bir-rit doppju maġġuri[21]. Il-kapitlu ġenerali ta' Lyon ta' l-1272 ordna li l-isem ta' Klara kellu jiddaħħal fil-litanija tal-qaddisin ta' Sibt il-Għid.

Fl-1292 il-kapitlu ġenerali ta' Pariġi stabilixxa li għandu jkun reċitat Uffiċċju proprju ta' Santa Klara fl-Ordni kollu kemm hu. Dan hu l-Uffiċċju «Iam sanctae Clarae claritas», li skond l-istudjuż Aureliano van Dijk ġie kompost u kantat f'Assisi ftit snin qabel il-kapitlu ta' Pariġi, u li utilizza bħala fonti tiegħu l-«Legenda Sanctae Clarae Virginis»[22].

Il-kapitlu ġenerali ta' Assisi ta' l-1340 stabilixxa li l-festa ta' Santa Klara kellha tkun iċċelebrata fl-Ordni kollu, bħal dawk ta' San Franġisk u Sant'Antnin[23]. Fl-aħħarnett il-kapitlu ġenerali ta' Barcellona ta' l-1357 iddikjara li l-festa tat-Traslazzjoni ta' Santa Klara, nhar it-2 ta' Ottubru, kellha tkun iċċelebrata fl-Ordni kollu[24].

### *Klara famuża imma mhux magħrufa? Ħarsa lejn is-sekli 13 u 14*

Il-kapitlu ġenerali ta' Lyon kien stabilixxa li kull kunvent tal-patrijiet Minuri jkollu kopja tal-«Legenda Sanctae Clarae Virginis». Imma jidher li, bejn is-sekli 13 u 14 il-patrijiet ftit kienu jafu dwar Klara, li kienet pjuttost ippreżentata bħala d-dell jew il-kopja ta' San Franġisk. Fil-kostituzzjonijiet emanati mill-provinċja Umbra fl-1300 hi dikjarata bħala post qaddis il-bażilika ta' Santa Klara f'Assisi, bl-istess dinjità tal-bażilika ta' San Franġisk u tal-Porziuncola[25]. Fl-opra «Meditatio pauperis in solitudine», miktuba fl-1282-1283[26], Klara hi preżentata bħala Eva l-ġdida, li ħarġet mill-kustilja ta' Adam il-ġdid, Franġisku. Din ix-xbieha ta' Klara reġgħet ġiet ippreżentata mill-kronista Marco da Lisbona[27].

Fl-opra «De Cognatione» jew ukoll «De conformitate Beati Francisci ad Christum» ta' Arnald de Sarrant (1365), Klara hi murija bħala dawl jiddi ħdejn San Franġisk, għalkemm b'intensità inqas minnu[28].

Madwar l-1270, John Peckham jirreferi għal episodju magħruf fil-LegCl, rigward Girgor IX li pprova jikkonvinċi lil Klara li takkwista proprjetà għall-għajxien tas-sorijiet[29].

Bernard de Besse jiddedika xi riferimenti importanti għal Klara, meta jitkellem dwar it-II Ordni mwaqqaf minn San Franġisk. Jidher li Bernard kien jaf ir-Regola ta' Santa Klara, għaliex jesprimi ruħu bi kliem li jidhru jiddependu mis-sitt kapitlu ta' din l-istess Regola[30].

Fl-«Expositio super Regulam», l-Ispiritwali Angelo Clareno jikkummenta l-kapitlu 11 tar-«Regula bullata» tal-patrijiet Minuri, u jafferma li

San Franġisk, sabiex il-patrijiet jieħdu minnu l-eżempju, qabel miet kien jgħid li minn jum il-konverżjoni tiegħu hu qatt ma ħares aktar lejn wiċċ ta' mara, ħlief fil-każ ta' ommu u ta' Santa Klara[31]. L-istess kliem huma x'aktarx meħudin minn 2C 112 u LM 5,5, fejn iżda ma nsibu l-ebda riferiment għall-isem ta' Klara.

Kienet l-Umbria, u l-aktar Assisi, li żammet ħajja t-tifkira ta' Santa Klara fis-seklu 14. Minn studji li saru fuq il-qagħda tal-monasteri Klarissi fl-Umbria fl-1316 jirriżulta li fil-Provinċja ta' San Franġisk kien hemm 38 monasteri ta' l-«Ordo Sanctae Clarae». F'Asissi, imbagħad, kienet tinżamm b'għożża t-tifkira ta' l-avvenimenti ta' l-1240-1241, meta Klara kienet ħelset il-belt mit-truppi imperjali permezz tat-talb tagħha quddiem l-Ewkaristija. Fl-1317, fl-approvazzjoni ta' statuti li kienu jirregolaw it-taxxi ta' pedaġġ ta' Sassovivo, il-qaddisin Franġisk, Rufino, Vittorino u l-«beatissima virgo sancta Clara» jiġu invokati bħala "difensuri u protetturi tal-comune u tal-poplu tal-belt ta' Assisi"[32].

## *Klara rivalutata permezz tal-Fonti Aġjografiċi*

Kien proprju f'Assisi, bejn is-sekli 13 u 14, li inkitbu fonti ġodda li jagħmlu użu mill-materjal aġjografiku mibgħut lill-ministru ġeneral Crescenzio da Iesi fuq ordni tal-kapitlu ġenerali ta' l-1244. Wieħed mill-patrijiet tas-Sacro Convento ikkopja l-informazzjoni u sawwarha taħt dik li llum nafuha bħala «Compilatio Assisiensis». Dejjem fl-istess Sacro Convento, xi ħadd ieħor kiteb il-«Leggenda dei Tre Compagni» fil-forma attwali tagħha. Fl-1318 patri ieħor, marbut maċ-ċirku ta' patrijiet Spiritwali fl-ambjent ta' Assisi, kiteb li «Speculum Perfectionis». Din l-informazzjoni aġjografika, li riedet timla l-vojt li tħalla wara d-digriet tal-kapitlu ġenerali ta' Pariġi ta' l-1266, li ried li jitħassru l-«legendae» kollha miktubin qabel il-«Legenda Maior», reġa' qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni siltiet li kienu ġew minsijin. Wassal ukoll biex iżid it-tagħrif li għandu x'jaqsam mal-ħajja ta' Klara u mar-relazzjonijiet tagħha ma' Franġisku u ma' l-Ordni tal-Minuri. B'mod partikulari l-«Compilatio Assisiensis» reġgħet ġabret ħafna informazzjoni, l-aktar wara l-ordni tal-kapitlu ġenerali ta' Padova ta' l-1276, li reġa' ħeġġeġ lill-patrijiet li kienu għadhom ħajjin u kienu jafu lil sħab San Franġisk biex jibgħatu t-tifkiriet tagħhom. Meta inkiteb li «Speculum Perfectionis», imbagħad, li fl-ewwel kwart tas-seklu 14 għamel użu mill-istess materjal, hu ikkaratterizza fuq kollox il-post ta' Santa Maria degli Angeli (Porziuncola) bħala l-bidu ta' l-avventura evanġelika ta' Klara, u li fih twieldu kemm il-patrijiet Minuri kif ukoll il-«Povere Dame»[33].

L-«Actus beati Francisci et sociorum eius» jintegraw lil Klara fi ħdan il-grupp ta' l-ewwel aħwa madwar San Franġisk, sal-punt li jippreżentawha flimkien ma' Franġisku f'ikla flimkien fil-Porziuncola, li fiha ż-żewġ qaddisin jintilfu f'estasi[34].

## *Il-«Chronica XXIV Generalium»*

Fil-«Chronica XXIV Generalium» Arnald de Sarrant jidher li jaf tajjeb kemm il-LegCl kif ukoll ir-Regola ta' Santa Klara. Klara u oħtha Agnese huma miġburin fl-ewwel taqsima, l-itwal waħda, li titkellem mill-ewlenin sħab ta' San Franġisk, jiġifieri Bernardo, Rufino, Ginepro, Leone, Egidio, Masseo, Antnin ta' Padova, Simone ta' Assisi, Cristoforo. Arnald jafferma li Franġisku waqqaf, fl-1212, l-«Ordo pauperum dominarum», ifakkar il-profezija li l-qaddis kien għamel meta kien qiegħed isewwi l-knisja ta' San Damiano, dwar in-nisa verġni li kellhom jiġu jgħixu hemmhekk, it-tonsura ta' Klara f'Santa Maria degli Angeli, iż-żmien li fih għexet fil-monasteru ta' San Paolo delle Abbadesse u f'Sant'Angelo di Panzo, u fl-aħħarnett dwar kif ġiet tgħix f'San Damiano flimkien ma' oħtha Agnese[35].

Ir-rakkont tal-ħajja ta' Agnese, oħt Klara, hu sintetiku, imma preċiż fil-mod kif juri li l-awtur kien jaf tajjeb il-LegCl rigward il-ħajja ta' Agnese: iż-żmien li għaddiet f'Sant'Angelo di Panzo, il-persekuzzjoni iebsa li kellha ssofri mill-familjari u kif irnexxielha toħroġ rebbieħa. Arnald jgħid li, meta miet Federiku II, l-belt ta' Assisi ġiet meħlusa, bil-ħila tat-talb tal-qaddisa.

Dettall interessanti li jagħtina Arnald hu dak rigward ir-RegCl. Ifakkar li, fl-1343, ir-reġina Sancia de Maiorca, mart Roberto d'Anjou, re ta' Napli, «minħabba l-ħeġġa li kellha lejn il-faqar, ħalliet warajha l-ġid tad-dinja, u għażlet lill-Mulej billi marret tgħix fil-monasteru tas-Salib Imqaddes f'Napli, taħt l-ewwel regola tas-Sorijiet ta' San Damiano"[36].

Arnald jirreferi wkoll għall-fatti relativi għall-ġeneralat ta' Giovanni da Parma, meta s-Sorijiet Foqra kellhom jaċċettaw «regola oħra mhix tant iebsa», ir-Regola ta' Innoċenz IV, li biha l-Papa immodifika l-ewwel regola ta' Santa Klara. Innoċenz ta din ir-regola lill-«Ordo Sancti Damiani». Interessanti li Arnald jagħmel distinzjoni bejn l-Ordni fih innifsu, u s-sorijiet tal-monasteru ta' San Damiano.

Arnald isemmi wkoll l-approvazzjoni tar-RegCl li ta l-kardinal protettur Rainaldo (16 ta' Settembru 1252), u l-konferma definittiva ta' Innoċenz IV. Jgħid: «il-Papa ikkonferma bil-Bulla tiegħu din ir-

Regola u bagħatha lil Klara u lis-sorijiet tagħha». Mela r-RegCl ma kienetx destinata għall-«Ordni Sancti Damiani», imma biss għall-monasteru ta' San Damiano f'Assisi. Arnald isemmi wkoll il-miraklu tat-tberik tal-ħobż, u jżid jgħid li Klara wettqet dan il-miraklu quddiem Innoċenz IV, ftit qabel ma mietet[37].

Il-«Chronica XXIV Generalium» tagħtina żewġ ittri: dik ta' Ugolino lil Klara (1220) u ittra miktuba minn Klara lil oħtha Agnese, datata għal 1230[38].

Il-«Chronica», fi ħdan il-«Vita fratris Aegidii», tirreferi għall-umiltà ta' mgħallem tat-teoloġija li, meta mar jippriedka f'San Damiano u kien hemm preżenti Klara u fra Egidio, dan ta' l-aħħar waqqfu mill-priedka tiegħu u talbu jħalli lilu jippriedka floku. Klara baqgħet mistagħġba bl-umiltà ta' dan il-predikatur li aċċetta li jieqaf biex iħalli lil Egidio jippriedka floku[39].

### *Il-«De Conformitate» ta' Bartolomeo da Pisa*

Bartolomeo Rinonico da Pisa, awtur ta' opra voluminuża intitolata «De Conformitate vitae B. Francisci ad vitam Domini Iesu», miktuba lejn tmiem is-seklu 14, jgħid dan dwar ir-RegCl:

«Franġisku sawwar diversi regoli għal għamliet diversi ta' ħajja: l-ogħla Regola u l-aktar waħda iebsa kienet dik miktuba lill-patrijiet Minuri, fuq il-mudell ta' l-appostli; is-sorijiet imbagħad tahom regola inqas iebsa, billi huma ta' sess inferjuri; lill-membri tal-penitenza li jibqgħu jgħixu fid-dinja okkupati bix-xogħol tagħhom, tahom regola taqbel għall-qagħda partikulari tagħhom"[40].

Bartolomeo jopponi lil Klara u lil Elia. Klara tidher skjerata ma' sħab San Franġisk u ma' Sant'Antnin ta' Padova biex tiddefendi r-Regola Franġiskana, filwaqt li Elia jidher bħala dak li ried ibiddel fiha skond kif jidhirlu hux[41]. Ftit qabel mietet Klara tidher li trid tisma' l-kliem ta' fra Ginepro[42].

L-opra ta' Bartolomeo da Pisa tiddependi prevalentement mil-LegCl, imma wkoll mill-«Actus».

L-opri kbar tas-seklu 14, u l-aktar il-«Chronica XXIV Generalium»[43], jiffavurixxu dak is-sens ta' soddisfazzjoni li ġabet magħha r-riskoperta tat-tifkira ta' Klara u tar-Regola tagħha fl-ambitu tal-bidu ta' l-Osservanza Franġiskana, li kienet strumentali biex treġġa' bosta monasteri ta' l-«Ordo Sanctae Clarae» mill-osservanza tar-Regola ta' Urbanu IV għal dik tar-Regola ta' Santa Klara ta' l-1253.

### *NOTI*

[1] Dan l-artiklu hu ġabra fil-qosor ta' l-istudju ta' Don Felice ACCROCCA, "Chiara e l'Ordine Francescano", Clara Claris Praeclara. Ricerche dell'Istituto Teologico e dell'Istituto di Scienze Religiose di Assisi, Atti del Convegno Internazionale in occasione del 750 anniversario della morte di S. Chiara, (Assisi 20-22 novembre 2003), Edizioni Porziuncola, Assisi 2004, 339-379.

[2] 1C, Prol. 1: Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi (FSF), Edizzjoni TAU, Malta 2005, numru marġinali 201.

[3] M. BARTOLI, "«Novitas Clariana». Chiara, testimone di Francesco", Chiara di Assisi. Atti del XX Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani (Assisi, 15-17 ottobre 1992), Spoleto 1993, 157-185; "Chiara d'Assisi e alcune pericopi del «ciclo di San Damiano»", Chiara d'Assisi e la memoria di Francesco. Atti del Convegno per l'VIII centenario della nascita di santa Chiara (Fara Sabina, 19-20 maggio 1994), a cura di A. Marini e M.B. Mistretta, Fara Sabina 1995, 15-23.

[4] 2C 204-207: FSF 915-918. Imma diġà nsibu riferimenti għal Klara waqt il-korteo funebri ta' San Franġisk f'1C 116-117: FSF 307.

[5] CA 13: FSF 620.

[6] LegCl 45: Fonti għall-Ħajja ta' Santa Klara t'Assisi (FSK), Edizzjoni TAU, Malta 2006, numru marġinali 646.

[7] ProcCan, Bulla Gloriosus Deus ta' Innoċenz IV: FSK 296.

[8] S. BONAVENTURA, Epistula ad Sorores monasterii S. Clarae, in Sancti Bonaventurae Opera Omnia VIII, Quaracchi 1898, 473-474. Traduzzjoni bil-Malti fil-FSK 752.

[9] LM 12,2: FSF 1249.

[10] Anke meta sar Papa (qabel kien il-kardinal Rainaldo di Jenne), Alessandru IV żamm l-inkarigu ta' protettur tal-patrijiet Minuri u ta' l-Ordni ta' San Damiano. Cfr. L. KNOX, "Audacious Nuns: Institutionalizing the Franciscan Order of Saint Clare, Greyfriars Review 16 (2002) 155-178.

[11] L. OLIGER, "De origine regularum ordinis S. Clarae", Archivum Franciscanum Historicum 5 (1912) 443.

[12] Bullarium Franciscanum III,107, n. 116. L. OLIGER, "De origine regularum", 435.

[13] Kien f'Assisi li fl-1267 iltaqa' ma' fra Leone Francesco Venimbeni da Fabriano, kif jirriżulta minn framment, traskritt madwar l-1620 minn Giovanni Antonio Cadori, u li għandu x'jaqsam ma' l-indulġenza tal-Porziuncola: "Et hoc testificatus est frater Leo, unus de sociis beati Francisci, vir probatae vitae, quem ego frater Franciscus vidi in anno

quo veni ad fratres, quando fui ad dictam indulgentiam. Dixit enim frater Leo se audivisse ab ore beati Francisci de dicta indulgentiam ab eo, ut predicitur, impetrata". G. PAGNANI, "Frammenti della Cronaca del beato Francesco Venimbeni da Fabriano (†1322)", Archivum Franciscanum Historicum 52 (1959) 170.

[14] F. CASOLINI, Il Protomonastero di Santa Chiara in Assisi. Storia e cronaca (1253-1950), Milano 1950, 32 u nota 82. G.G. MERLO, Nel nome di san Francesco. Storia dei frati Minori e del francescanesimo sino agli inizi del XVI secolo, Padova 2003, 200.

[15] I. OMARCHEVARRIA, "L'Ordine di S. Chiara sotto diverse Regole", Forma Sororum 15 (1978) 145-146.

[16] E. LUNGHI, La basilica di Santa Chiara in Assisi, Assisi 1994, 182-184.

[17] Regola ta' Urbanu IV, kap. 10: FSK 689.

[18] N. KUSTER, "Klaras Tafelbild in Assisi", Collectanea Franciscana 73 (2003) 17-46.

[19] Santa Chiara di Assisi. I primi documenti ufficiali: Lettera di annunzio della sua morte, Processo e Bolla di canonizzazione, introduzione, testo, note, traduzione italiana dei testi latini a cura di G. BOCCALI, Pubblicazioni della Biblioteca Francescana Chiesa Nova-Assisi, 10, Santa Maria degli Angeli, Assisi 2002, 234-237; M. BIHL, "Documenta inedita Archivi Protomonasterii S. Clarae Assisii", Archivum Franciscanum Historicum 5 (1912) 663.

[20] Analecta Franciscana III, Quaracchi 1897, 324: "in festo Purificationis beatae Mariae celebrato (2 Frar 1257), domino Alexandro papa IV presente. In quo capitulo fuit ordinatum, quod de beata Clara fuerit de cetero festum duplex"; NICHOLAS GLASSBERGER, Chronica, in Analecta Franciscana II, Quaracchi 1887, 74; A. VAN DIJK, "Il culto di Santa Chiara nel medioevo", Santa Chiara d'Assisi. Studi e cronaca del VII centenario 1253-1953, 159.

[21] S.J.P. VAN DIJK, "The statutes of the general Chapter of Pisa [1263]", Archivum Franciscanum Historicum 45 (1952) 31, n. 34.

[22] Ufficċju ta' Santa Klara Verġni, FSK 667-679; A. VAN DIJK, Il culto di Santa Chiara nel medioevo, 179-183.

[23] F.M. DELORME, "Acta et Constitutiones Capituli Generalis Assisiensis [1340]", Archivum Franciscanum Historicum 6 (1913) 255, n. 9: "Item statutum fuit quod commemoratio sanctae Clarae fiat per totum Ordinem, sicut de aliis sanctis nostris".

[24] "Festum translationis sanctae Clarae a fratribus et sororibus secunda die octobris celebrentur".

[25] C. CENCI, "Ordinazioni dei capitoli provinciali umbri dal 1300 al 1305", Collectanea Franciscana 55 (1985) 24, § 19. L-istess jiġi ripetut fil-kostituzzjonijiet ta' l-1316: CENCI, "Constitutiones provinciae Umbriae an. 1316", Archivum Franciscanum Historicum 56 (1963) 33, § 13.

[26] Meditatio pauperis in solitudine auctore anonymo saec. XIII, ed. F. DELORME, "Bibliotheca Franciscana Ascetica Medii Aevi", 7, Firenze-Quaracchi 1929, XII-XIV.

[27] M. D'ALATRI, "L'immagine di Chiara d'Assisi nelle Cronache di Marco da Lisbona", Collectanea Franciscana 62 (1992) 545.

[28] ARNALD OF SARRANT, "The Kinship of Saint Francis", Prologue, in Francis of Assisi. Early Documents, Vol. 3: The Prophet, New York – London – Manila 2001, 678-679: "At that time, then, those two great lights, Francis and Clare, like the greater and the lesser light, shone among different stars in the firmament of the Church. At last, in the sixth age, almost on the sixth day, came a human being, Francis, made in God's image and likeness".

[29] LegCl 14: FSK 615. Is-silta ta' John Peckham tinsab fil-kapitlu VII tal-De perfectione evangelica: "Item, hoc idem patet iln vita beatissimae Clarae. Sanctae enim recordationis Gregorio papa non possessiones pro monasterii usibus recipi suadente, illa ad hoc potuit inclinari, cujus sanctitatem in vita sua et post mortem Deus caeli perpulcris miraculis declaravit". F. DELORME, "Trois chapitres de Jean Peckam pour la défense des ordres mendiants", Studi Francescani 29 (1932) 59, n. 16.

[30] BERNARD DE BESSE, Liber de Laudibus Sancti Francisci, kap. VI: FSF 1440: "It-tieni Ordni li waqqaf l-imqaddes Franġisku hu dak tal-verġni u tas-sinjuri nisa li jgħixu fil-kastità, li jwiegħdu lil Alla li jgħixu għal dejjem fis-skiet tal-klawsura u jaqduh fit-tgħakkis tal-ġisem. L-ewwel waħda fosthom kienet l-imqaddsa Klara, dixxiplu mill-aktar devota ta' l-imqaddes Franġisku. Dan meta ra li skond it-tagħlim tiegħu dawn il-verġni kienuj qegħdin jgħixu ħajja mill-aktar qaddisa fil-professjoni tal-faqar l-aktar għoli, u li b'dan il-mod u b'ħafna modi oħrajn rahom li jagħmlu ġid biex iġibu 'l quddiem il-ħajja ta' faqar tiegħu u ta' l-aħwa, hu wiegħedhom li jgħinhom bil-pariri tiegħu. L-istess wegħda ta' faqar, imbagħad, l-imqaddsa Klara u l-monasteru tagħha dejjem żammewha bla mittiefsa sallum".

[31] ANGELO CLARENO, Expositio super Regulam Fratrum Minorum, Expositio XI,11: "Hinc est quod sanctus Franciscus, ut fratres sui ab ipso exemplum caperent, dixit in morte, quod ex quo ad

Christum conversus renuntiaverat mundo, nullius mulieris faciem viderat, excepta matris suae et sanctae Clarae".

32 G. CASAGRANDE, "Presenza di Chiara in Umbria nei secoli XIII-XIV. Spunti e appunti", Collectanea Franciscana 62 (1992) 482.

33 SP 84: FSF 1531: "U kien ġewwa dan it-tempju / li ra d-dawl l-Ordni Minuri / meta fuq il-passi tiegħu / jiġru ġew qtajjiet ta' rġiel. / Klara tgħarrset hawn ma' Alla / f'dan il-post qatgħulha xagħarha / meta minn frugħat id-dinja / ħarġet tiġri wara Kristu. / Hekk hawn twieldu b'mod ta' l-għaġeb / l-aħwa u x-xbejbiet fqajrin / għand Omm waħda u qaddisa / Kristu ġabarhom mid-dinja".

34 ABF 15; Fioretti 15: FSF 1601. Għal kwadru riassuntiv tal-preżenza ta' Klara fid-diversi Fonti Franġiskani, cfr. F. URIBE, Introduzione alle agiografie di san Francesco e santa Chiara d'Assisi (sec. XIII-XIV), "Medioevo Francescano. Saggi", 7, Santa Maria degli Angeli – Assisi 2002, 523-525.

35 Chronica XXIV Generalium, in Analecta Franciscana III, 8-9. 23-24.

36 Chronica XXIV Generalium, 539.

37 Chronica XXIV Generalium, 274-275.

38 Chronica XXIV Generalium, 183. 175-177.

39 Chronica XXIV Generalium, 81.

40 De Conformitate, in Analecta Franciscana IV, 370.

41 De Conformitate, 270: «Beatus Antonius post beati Francisci mortem contra fratrem Elia et sequaces se viriliter opposuit, regulam defensando cum sociis beati Francisci et sancta Clara, quam ille mutare quoad aliqua nitebatur».

42 De Conformitate, 248.

43 E. MENESTÒ, "Dagli «Actus» dal «De conformitate»: la compilazione come segno della coscienza del francescanesimo trecentesco", I Francescani nel Trecento. Atti del XIV Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani, Assisi, 16-18 ottobre 1986, Assisi 1988, 41-68.

# IT-TIELET ORDNI FRANĠISKAN: TRADIZZJONI TA' ĦAJJA EVANĠELIKA (3)

*Ingrid Peterson OSF*
*[«Franciscan Studies» 64 (2006) 435-473]*

## *Ir-Regola tal-Papa Ljun XIII għat-Tielet Ordni Sekulari (1883)*

Il-Papa Ljun XIII kien devot lejn San Franġisk, serva bħala Kardinal Protettur ta' l-I Ordni, u kien membru tat-Tielet Ordni Sekulari. Bħala Kardinal Protettur, f'ittra pastorali li kiteb lit-Terz Ordni taddjoċesi tiegħu ta' Perugia, hu iddikjara li, bħal fi żmien San Franġisk, hekk ukoll fi żmienu Alla ried jirriforma lill-insara permezz tax-xhieda tal-Franġiskani tat-Terz Ordni. Fl-okkażjoni tas-seba' ċentinarju tat-twelid ta' San Franġisk, hu ippubblika enċiklika, «Auspicato», li fiha talab lill-isqfijiet kollha biex iħeġġu lill-insara Kattoliċi ħalli jidħlu fit-Tielet Ordni Franġiskan. Fl-1883, hu ippromulga Regola ġdida għall-fergħa sekulari tat-Terzjarji. Hu ġab 'il quddiem it-Tielet Ordni għaliex il-membri tiegħu kienu msejħin li jgħixu l-Evanġelju fid-dinja. Il-konvinzjoni tiegħu dwar it-Tielet Ordni wasslitu biex jifformula mill-ġdid u joħroġ ir-Regola ta' l-1883, li ġġib l-isem «Misericors Dei Filius».

Robert Stewart jissuġġerixxi li r-Regola Leonina tiddefinixxi t-Tielet Ordni Sekulari b'mod differenti mill-ħajja li l-penitenti Franġiskani kienu ippreżentaw fis-seklu 13. Ir-Regola ta' l-1883 neħħiet xi ostakli diffiċli biex wieħed kien jista' jsir membru u eliminat jew issimplifikat dak li kienet titlob ir-Regola ta' l-1289 biex hekk it-TOF ikun aktar aċċettat b'mod universali. B'dan il-mod Ljun XIII ittrasforma l-ħajja tal-penitenti Franġiskani. Ir-Regola tiegħu hi twila biss terz tat-tul tar-Regola ta' l-1289. L-għoxrin kapitlu ta' dik ir-Regola issa tqassru fi tliet kapitli, li jippruvaw inaqqsu l-preskrizzjonijiet diffiċli tar-Regola oriġinali ta' Nicolò IV.

Billi t-Tielet Ordni Sekulari beda jiffjorixxi u l-membri tiegħu setgħu issa jingħataw għall-ħidma soċjali, għall-bidu Ljun XIII laħaq l-iskopijiet tiegħu b'suċċess. Imma ġara li l-ħajja ta' penitenza li Franġisku kien talab mill-aħwa rġiel u nisa fl-eżortazzjoni tiegħu, bdiet tiġi interpretata sempliċement

bħala sejħa għall-konverżjoni billi wieħed jagħti eżempju ta' ħajja nisranija tajba u daqshekk. Stewart jgħid li s-sejħa radikali ta' Franġisku spiċċat li saret sejħa għal ħajja privata ta' fidi li ma tkunx imtaqqla ħafna. L-unku kontribut li ta Franġisku għall-ħajja tal-penitenti ġie għalhekk mitluf. Lazaro Iriarte ħareġ bl-ipotesi li l-idejal tat-Terzjarji seta' ġie simplifikat biex hekk jikber in-numru ta' persuni li jingħaqdu mat-Tielet Ordni Sekulari. Bħala riżultat, xi fraternitajiet spiċċaw biex saru konfraternitajiet jew fratellanzi, li ma kienu joffru lil-lajċi l-ebda għajnuna spiritwali u li ma kienux iweżnuhom għall-ħidma apostolika tagħhom. Fattur ieħor kien it-tnaqqis ta' membri tat-Tielet Ordni Sekulari matul is-seklu 19, minħabba l-iżvilupp tal-ħidma apostolika ta' l-Azzjoni Kattolika[1].

### *It-Tielet Ordni Sekulari taħt ir-Regola ta' Ljun XIII*

Il-frott tar-Regola tat-TOF mogħtija minn Ljun XIII deher fil-ħajja qaddisa ta' xi membri tiegħu: Sant'Albertu Chmielowski minn Krakovja (1845-1916), il-Venerabbli Matt Talbot (1856-1925), u l-Beatu Ceferino Giménez Malla (1861-1936).

Albertu Chmielowski twieled fi Krakovja, il-Polonja. Waqt rivoluzzjoni kontra l-Czar tar-Russja fl-1894 hu safa' midrub, u kellhom jaqtgħulu siequ barra. Wara li studja pittura f'Varsavja, Munich u Pariġi, u reġa' lura Krakovja fejn sar Franġiskan Sekular. Hu waqqaf l-Ordni ta' l-Aħwa tat-Tielet Ordni ta' San Franġisk, Qaddejja tal-Fqar, li kienu jaqdu lil dawk li kienu bla dar. Ġie beatifikat fl-1983 u ġie dikjarat qaddis fl-1989, fl-istess ċerimonja li fiha ġiet kanonizzata l-Klarissa Santa Agnese ta' Praga. Il-Papa Ġwanni Pawlu II kiteb li Albertu kien qeda bħala support spiritwali u eżempju għall-vokazzjoni tiegħu, għaliex hu warrab mid-dinja ta' l-arti, letteratura u tejatru biex għamel l-għażla radikali li jaqdi l-poplu ta' Alla. Meta kien għadu żagħżugħ Karol Wotyla kiteb dramm dwar Albertu[2].

Matt Talbot (1856-1925) hu l-patrun tal-persuni li jridu jiġġieldu kontra l-alkoholiżmu. Hu kien alkoholiku attiv minn mindu kellu ħmistax-il sena sa ma kellu tletin[3]. Jum minnhom hu iddeċieda li jagħmel qrara ġenerali u wiegħed li jmur jisma' l-Quddiesa kuljum. Hu beda jitlob u wkoll beda jħallas id-djun li kellu ma' dawk li kien issellef flus minn għandhom jew li kien seraqhom. Hu ingħaqad mal-Franġiskani Sekulari, beda jgħix ħajja ta' penitenza, u spiss kien jagħmel astinenza mil-laħam. Kien jaqra l-Iskrittura, il-ħajjiet tal-qaddisin, u kien jitlob ir-rużarju. Kien jagħti offerti ġenerużi lill-missjonijiet mill-paga li kien jaqla' bħala ħaddiem. Ħamsin sena wara li miet il-Papa Pawlu VI iddikjarah Venerabbli.

Il-Beatu Ceferino Giménez Malla (1861-1936), Franġiskan Sekular u martri, hu l-ewwel Gypsy li ġie beatifikat. Twieled fi Braga, Spanja, u kien negozjant taż-żwiemel[4]. Ingħaqad ma' l-Ordni Franġiskan Sekular, u beda jgħix ħajja ta' talb u devozzjoni. Kien ġeneruż mal-foqra, u beda ħidma ta' paċi fost il-Gypsies. Ġie arrestat matul il-Gwerra Ċivili Spanjola meta iddefenda qassis li kien ġie mkaxkar mat-toroq ta' Barbastro talli sabulu fuqu kuruna tar-rużarju. Ġie maqtul billi sparawlu, u ġie beatifikat mill-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1997. Din is-sena ġew beatifikati bosta martri oħrajn tal-Gwerra Ċivili Spanjola, fosthom patrijiet Franġiskani, fit-28 ta' Ottubru 2007.

Fi tmiem is-seklu 18, l-Ordnijiet reliġjużi maskili u femminili kienu għamlu esperjenza mhux tant sabiħa minħabba l-kummissjonijiet maħtura biex jirregolaw il-ħajja tal-komunitajiet klawstrali[5]. Dawn kienu jaħdmu taħt l-iskuża tar-riforma, imma kienu jispiċċaw biex jindaħlu fl-affarijiet interni tal-kunventi, u kienu jżommu l-permessi biex membri ġodda jidħlu fil-komunitajiet reliġjużi. L-azzjoni ta' l-Imperu Awstrijaku-Ungariku, magħrufa bħala «Giuseppinismo» bdiet timita dak li kien diġà ġara fir-Rivoluzzjoni Franċiża u s-soppressjonijiet Napoljoniċi. Bosta irġiel u nisa reliġjużi ġew obbligati li jħallu l-kunventi tagħhom u jsibu kenn fi ħdan il-familji tagħhom jew inkella jgħixu fil-moħbi. Dak li kien ġara fis-seklu 18 u l-bidu tas-seklu 19, issa reġa' sab soluzzjoni fir-rifjoritura ta' ħajja nisranija ta' żmien il-Papa Ljun XIII u tkompla fl-ewwel nofs tas-seklu 20.

### *Ir-Regola tat-Tielet Ordni Regolari mogħtija mill-Papa Piju XI (1927)*

Fl-1917 kien ġie promulgat il-Kodiċi tal-Liġi Kanonika. Dan talab li r-Regoli ta' l-Ordnijiet reliġjużi kellhom jaqblu mal-leġislazzjoni ġdida tal-Knisja. Għal din ir-raġuni l-Papa Piju XI ippromulga r-Regola li ġġib l-isem «Rerum condicio» fl-1927. Din ir-Regola kellha tipprovdi l-bażi kanonika għat-Tielet Ordni Regolari. Ir-Regola ta' Piju XI kienet torbot biss lil dawk ir-reliġjużi li kienu jieħdu l-obbligu tal-voti u li kienu jgħixu fil-komunità[6]. Ir-Regola ta' Piju XI ma hix għal kollox ġdida, għaliex hi ssemmi r-Regola tat-Tielet Ordni li kien ta l-Papa Ljun X, u fiha wkoll riferimenti għar-Regoli ta' l-I u t-II Ordni. Ir-Regola għat-Tielet Ordni Regolari reġgħet ippreżentat il-ħidma tat-tliet Ordnijiet ta' San Franġisk u tal-kompożizzjoni tat-Tielet Ordni

bħala magħmul minn Terzjarji lajċi u Terzjarji li jgħixu ħajja komunitarja taħt liġijiet kanoniċi. Ir-Regola ta' l-1927 saret it-test bażilari għall-Kongregazzjonijet kollha tat-Tielet Ordni Regolari, ħlief għal dawk li kienu diġà ġew approvati u li kienu josservaw ir-Regola mogħtija lit-Tielet Ordni Regolari fl-1521 minn Ljun X.

Bosta mir-reliġjużi li kienu marru missjunarji u li kienu waqqfu kongregazzjonijiet tat-Tielet Ordni kienu ipprofessaw ir-Regola ta' Ljun X ta' l-1521 u rċevew approvazzjoni skond din ir-Regola. Xi kongregazzjonijiet li twaqqfu fli Stati Uniti minn reliġjużi ġejjin mill-Ewropa komplew jgħixu skond ir-Regola ta' Ljun X. Imma kongregazzjonijiet oħrajn li twieldu f'dan il-perjodu tal-bidu tas-seklu 20, ipprofessaw ir-Regola ta' Piju XI ta' l-1927, u din baqgħet ir-Regola tagħhom sa l-1982.

## *Is-Sorijiet tat-Tielet Ordni Regolari taħt ir-Regola ta' Piju XI*

L-istorja tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk fli Stati Uniti tirrifletti kemm id-diversità kif ukoll elementi komuni[7]. Fl-ewwel snin tal-preżenza tal-patrijiet tat-Tielet Ordni Regolari fli Stati Uniti, minn meta waslu fl-1846, u sallum il-ġurnata, l-kongregazzjonijiet Franġiskani kellhom jaffaċċjaw diffikultajiet u jirbħu ostakli, filwaqt li huma iddedikaw ruħhom għall-ħidmiet ta' qadi fil-karità. It-twaqqif ta' kongregazzjonijiet ġodda jinkludi almenu għaxar kongregazzjonijiet li ġew imwaqqfin wara l-Konċilju Vatikan II. Il-qdusija tal-fundaturi u tal-membri ta' xi wħud minn dawn il-kongregazzjonijiet ġiet magħrufa mill-Knisja permezz tal-beatifikazzjoni jew kanonizzazzjoni.

Dawn il-persunaġġi jinkludu l-Beata Mary Frances Schervier (1819-1876), fundatriċi tas-Sorijiet tal-Foqra ta' San Franġisk; Beata Angela Truszkowska (1825-1899), fundatriċi tal-Feliċjani; il-Beata Marie de la Passion (1839-1920), fundatriċi tal-Franġiskani Missjunarji ta' Marija; Santa Marianne Cope (1838-1918) tal-Franciscan Sisters of the Third Order; u l-qaddisin Erminia di Gesù u sħaba, 7 Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija martirizzati fiċ-Ċina fl-1900.

Mary Frances Schervier daħlet Franġiskana Sekulara fl-1884. Erba' snin wara hi u grupp ta' erba' sorijiet oħrajn waqqfu komunità reliġjuża fil-Bavaria dedikata għall-qadi tal-foqra. Għalkemm fil-bidunett kien jaqbel li dawn in-nisa reliġjużi kienu jaqdu lill-immigrati ta' Cincinnati malli jaslu fli Stati Uniti, l-Arċisqof John Purcell beda jqis li l-preżenza tagħhom ma kienetx daqshekk meħtieġa, u beda jaħseb li jħallsilhom il-vjaġġ lura. Imma huma baqgħu fli Stati Uniti bħala «Sisters of the Poor of St. Francis» mill-1858, u fi żmien sentejn irnexxielhom jibnu żewġ sptarijiet. Madre Frances ġiet fli Stati Uniti minn Franza fl-1863 biex iżżur u tgħin lis-sorijiet tagħha fil-kura tas-suldati li kienu sfaw midrubin matul il-Gwerra Ċivili Amerikana. Hi inkuraġġiet lil Philip Hoever biex iwaqqaf il-«Brothers of the Poor of St. Francis». Illum il-kongregazzjoni tagħha xterdet mad-dinja u taħdem fi sptarijiet u djar għall-anzjani. Mary Frances ġiet beatifikata fl-1974.

Angela Truszkowska twieldet fil-Polonja u bdiet tieħu kura tat-tfal foqra ta' Varsavja. Flimkien ma' kuġinitha daħlet fit-Terz Ordni Franġiskan fl-1855. Il-ħidma tagħhom tkattret u membri ġodda ingħaqdu magħhom. Angela saret fundatriċi tas-Sorijiet Feliċjani, kif sejħulhom in-nies ta' Varsavja meta rawhom jieħdu lill-orfni biex jitolbu quddiem l-istatwa ta' San Feliċ minn Cantalice fil-knisja tal-Kappuċċini. Il-Feliċjani bdew jieħdu ħsieb tal-morda, nies b'diżabilità, anzjani, orfni, nies bla dar, u ħasbu biex jakkwistaw djar għall-foqra fil-Polonja. Għalkemm il-kongregazzjoni tagħhom ġiet soppressa mill-gvern Polakk fl-1864, huma ingħataw permess li jkomplu jaħdmu fil-partijiet Awstrijaċi tal-Polonja. Angela ġiet beatifikata fl-1993.

Wara li Angela irriżenjat minħabba saħħitha, ħames Sorijiet Feliċjani marru f'Wisconsin fl-1874, biex jgħallmu lill-immigrati Polakki. Fi żmien għaxar snin kienu fetħu skejjel f'Illinois, Michigan, Indiana, New York u Pennsylvania. Buffalo saret id-dar ċentrali tal-kongregazzjoni fl-1900. Illum is-Sorijiet Feliċjani huma l-akbar kongregazzjoni tat-Tielet Ordni Regolari Franġiskan fli Stati Uniti.

Marie de la Passion twieldet f'Nantes fi ħdan familja tat-tajjeb. Ingħaqdet mas-Sorijiet ta' Marija Reparatrix u marret taħdem fil-missjonijiet ta' l-Indja[8]. Fl-1877 hi waqqfet il-kongregazzjoni tal-Franġiskani Missjunarji ta' Marija u għażlet li tħaddan ir-Regola tat-Tielet Ordni Franġiskan. Hi riedet li s-sorijiet tagħha "jmorru kullimkien u f'kull żmien, u l-aktar f'dawk l-inħawi fejn Kristu hu l-inqas magħruf, biex jaqdu lin-nies ta' dawk il-postijiet"[9]. Marie de la Passion mietet f'San Remo fil-15 ta' Novembru 1904, u ġiet beatifikata mill-Papa Ġwanni Pawlu II fl-20 ta' Ottubru 2002. Il-Franġiskani Missjunarji ta' Marija huma l-akbar kongregazzjoni Franġiskana tat-Tielet Ordni fid-dinja, u huma mxerrdin f'76 pajjiżi diversi.

Fl-1900 seba' Franġiskani Missjunarji ta' Marija ġew magħluqin fil-ħabs u maqtulin flimkien ma' diversi oħrajn, waqt ir-rivoluzzjoni tal-Boxers. Fost il-martri kien hemm l-isqfijiet Franġiskani Francesco Fogolla, Gregorio Grassi u Antonino

Fantosati. Is-sorijiet kienu qed jaqdu lill-orfni u l-morda f'Tai-yuen-fou. Is-superjura kienet suor Ermina ta' Ġesù. Kienet ġejja minn familja Franċiża fqira. Meta Marie de la Passion talbitha tmur missjunarja fiċ-Ċina, hi weġbitha: "Mingħajr l-ebda dewmien, jiena nagħtik it-tweġiba tiegħi. Iva, jiena lesta li mmur naħdem fil-għalqa li fiha ssejjaħli l-ubbidjenza, mingħajr l-ebda għażla ta' pajjiż jew ħidma". Suor Maria Chiara, imwielda fl-Italja, saret taf bil-Franġiskani Missjunarji ta' Marija minn ħuha li kien patri Franġiskan. Qabel telqet lejn iċ-Ċina kitbet: "Paċenzja, għad jiġi l-mument meta nitilqu mill-Ewropa u mmorru f'pajjiżi fil-bogħod biex inwasslu l-fidi". Suor Maria della Pace kienet l-iżgħar waħda tal-grupp. Kienet twieldet fl-Italja u daħlet Franġiskana Missjunarja ta' Marija fi Franza. Suor Amandine saret Terzjarja Franġiskana meta kellha ħmistax-il sena, qabel ma daħlet Franġiskana Missjunarja ta' Marija. Iċ-Ċiniżi li kienet taħdem magħhom kienu jsejħulha s-soru Ewropea li kienet dejjem tidħaq. Għalkemm Suor Mary St. Just kienet issofri minn bosta dubji rigward il-vokazzjoni tagħha, hi kitbet miċ-Ċina: "Jiena ma jiddispjaċinix li tlaqt minn Franza u ġejt iċ-Ċina, u ma nbiddilx din il-qagħda tiegħi għall-aktar kuruna għanja tad-dinja". Suor Mary Nathalie kienet mardet fl-Alġerija u kellha tiġi lura minn dik il-missjoni, imma mbagħad marret iċ-Ċina b'entużjażmu. Dawn is-seba' sorijiet ġew kanonizzati flimkien ma' 120 martri oħrajn taċ-Ċina fl-1 ta' Ottubru 2000.

Marianne Cope waqqfet is-Sisters of the Third Franciscan Order, li ħarġu mis-Sisters of Saint Francis ta' Philadelphia. Il-konfundatur magħha kien l-isqof John Neumann[10]. Is-sorijiet kienu edukaturi, imma malajr ingħataw ukoll għall-ħidma fl-isptarijiet, l-aktar mal-foqra. Waħda mill-missjonijiet importanti tagħhom, imwaqqfa fl-1883 meta Marianne kienet tmexxi l-kongregazzjoni, kienet fost il-lebbrużi ta' Hawaii. Marianne ingħaqdet ukoll ma' Father Damien fil-ħidma mal-kolonja tal-lebbrużi ta' Kalaupapa, Molokai, u damet fil-Hawaii għal 35 sena sa ma mietet. Ġiet kanonizzata fl-2005 mill-Papa Ġwanni Pawlu II.

### *Ir-Regola ta' l-Ordni Franġiskan Sekular tal-Papa Pawlu VI (1978)*

Wara d-direttivi mogħtijin mill-erba' ministri ġenerali Franġiskani waqt il-Kungress ta' Assisi ta' l-1969, it-Terz Ordni Franġiskan Sekular beda l-proċess biex jesprimi n-natura tiegħu bħala Ordni li hu, fl-istess ħin, "Franġiskan" u "Sekulari"[11]. L-identità, id-dixxiplina u l-gvern ta' l-Ordni jiġu trattati fit-tliet kapitli tar-Regola ta' l-1978. Ir-Regola tintegra f'dokument wieħed sbatax-il punti essenzjali fl-ispiritwalità Franġiskana, kif ġew murija fid-direttivi tal-Kungress ta' Assisi. Tinkludi l-karatteristiċi li jiddefinixxu l-Ordni: li jgħix l-Evanġelju fuq il-passi ta' San Franġisk permezz ta' konverżjoni fil-komunità bħala sekulari u f'għaqda li tagħti l-ħajja mal-Franġiskani kollha. Bħala Prologu tar-Regola ġiet inkluża l-Eżortazzjoni ta' San Franġisk lill-Aħwa Irġiel u Nisa tal-Penitenza.

Stewart jemmen li t-test tar-Regola ġdida ma jasalx biex jesprimi l-oriġini ta' l-Ordni jew id-dokumenti primittivi tiegħu. Hu jgħid li r-Regola nkitbet f'mument li fih ma kienx hemm ċertezza dwar l-oriġini penitenzjali tat-Tielet Ordni, minħabba nuqqas ta' riċerka storika. Billi r-Regola ta' l-1978 hi aktar globali u inqas konkreta minn xi steżuri tagħha li saru qabel, Stewart jgħid li l-proġett kellu jibda bil-mistoqsija dwar kif għandna ninterpretaw ir-Regola primittiva tat-Tielet Ordni Franġiskan Sekulari, u mbagħad dwar kif nadattawha għaż-żmien kontemporanju li fih ngħixu. Għalkemm tinkludi l-eżortazzjoni biex il-Franġiskani Sekulari jaħdmu favur il-paċi u l-ġustizzja, Stewart jgħid li dan l-istil hu komdu u jappella, imma biss bħala konverżjoni ta' natura privata[12]. Skond Stewart, jekk il-Prologu jew il-Kliem ta' Ħeġġa ta' San Franġisk lill-Penitenti, nifhmuh li hu l-oriġini li minnu titnissel ir-Regola ta' l-1978, mela l-istil ta' ħajja preskritta għall-Ordni Franġiskan Sekular trid tinkludi s-sejħa radikali ta' San Franġisk għall-konverżjoni.

### *Ir-Regola ta' l-Aħwa Irġiel u Nisa tat-Tielet Ordni Regolari (1982)*

Ir-rielaborazzjoni tar-Regola ta' Nicolò IV ta' l-1289, fir-Regola ta' Ljun X fl-1521, u f'dik ta' Piju XI fl-1927, kompliet tmexxi u tirregola t-Tielet Ordni Regolari sar-Regola ta' l-1982, promulgata mill-Papa Ġwanni Pawlu II bl-ittra apostolika «Franciscanum vitae propositum» (Il-forma ta' ħajja Franġiskana). Wara tliet kungressi nazzjonali u internazzjonali, sar kungress inter-obbedjenzjali f'Madrid fl-1974, li kien jinkludi rappreżentanti minn għaxar kongregazzjonijiet maskili ta' Tielet Ordni Regolari u rappreżentanti minn kongregazzjonijiet femminili mxerrdin fil-Ġermanja, Olanda, Italja, Spanja u Stati Uniti[13].

L-iskop tal-Kungress ta' Madrid kien dak li jipproduċi dokument ispirat mill-idejali tal-moviment penitenzjali ħalli jservi bħala bażi għat-tiġdid. Il-kontenut, stil, u bdil mir-Regola ta' l-1927 fil-verżjoni ippreżentata fil-Kungress ta' Madrid, ġie wkoll mogħti forma ġdida bil-ħidma ta' Thaddeus

Horgan u Margaret Carney, li kienu ħadu sehem fir-«Rule Work Group» bħala rappreżentanti tal-lingwa ingliża[14]. Fl-editorjal tar-rivista «The Cord» huma kitbu:

"Our challenge, then, was to produce a text that could resolve the differences in history, experience, and perception, and still meet the needs of congregations of the apostolic life, and congregations of various cultures and historical origins"[15].

Id-data li fiha kellha tintemm il-kitba tar-Regold ġdida kellha tikkorrispondi mas-seba' ċentenarju tat-twelid ta' San Franġisk fl-1982.

Kull kongregazzjoni tat-Tielet Ordni Regolari fid-dinja kienet mistiedna biex toffri proposti konkreti. Kienu aktar minn 400 kongregazzjoni tat-Tielet Ordni minn 30 pajjiżi li ħadu sehem. Fl-assemblea finali ta' Marzu 1981 kienu preżenti kważi mitejn superjuri ta' kongregazzjonijiet mid-dinja kollha. Fli Stati Uniti biss hemm 94 kongregazzjoni tal-Franġiskani tat-Tielet Ordni.

Ir-Regola TOR ta' l-1982 fiha 32 artikli li huma organizzati f'disa' kapitli, u li huma komposti l-aktar mill-istess kitbiet ta' San Franġisk[16]. Jinkludu l-komponenti kollha importanti tat-tliet Regoli papali ta' dawn l-aħħar seba' sekli, jiġifieri r-Regoli ta' l-1289, 1521 u 1927. Ir-Regola ġdida tirrifletti l-erba' valuri fundamentali tat-tradizzjoni tat-Tielet Ordni: penitenza, talb, faqar, u minorità. Bħall-Prologu fir-Regola ta' l-1978 approvata mill-Papa Pawlu VI għall-Ordni Franġiskan Sekular, il-Prologu tar-Regola TOR fih ukoll il-Kliem ta' Ħeġġa ta' San Franġisk, biex hekk din ir-Regola tiġi identifikata ma' l-Ordni tal-Penitenti ta' San Franġisk. Il-kontinwità mar-Regola ta' Piju XI ta' l-1927 hi preservata billi tintuża l-istess sentenza identika fl-ewwel kapitlu u fil-fatt li r-Regola tagħlaq bil-Barka ta' San Franġisk fit-Testment tiegħu. Kull kapitlu għandu bħala bażi s-sejħa għar-relazzjonijiet ta' ħajja komunitarja, jiġifieri, l-ħajja fil-fraternità.

Fir-riflessjoni tagħha fuq ir-Regola TOR ta' l-1982, "A Decade of Development", fir-rivista «The Cord», Margaret Carney hi magħrufa fid-dinja tal-lingwa ingliża bħala dik li għenet biex terġa' tiġi mikxufa l-ħajja u r-Regola tat-Tielet Ordni Regolari[17]. Fost kontributi oħrajn, dawn il-kliem jirreferu għas-sehem li hi tat bħala membru ta' l-International Rule Work Group li kien responsabbli għall-versjoni finali tar-Regola flimkien mal-ħidma tagħha ma' Thaddeus Hogan fuq it-traduzzjoni Ingliża ta' l-istess Regola[18]. Fl-1997, Jean-Francois Godet-Calogeras u Margaret Carney għamlu reviżjoni tat-traduzzjoni biex din tirrifletti l-kunċett Nord-Amerikan ta' "all inclusive language text".

L-artiklu ta' Margaret Carney fl-1992 juri l-osservazzjonijiet u l-esperjenzi tagħha fil-ħajja evanġelika u t-tradizzjoni tat-Tielet Ordni Franġiskan. Qabel xejn hi turi n-natura komunitarja tat-Tielet Ordni kif tidher mill-kollaborazzjoni ta' tant persuni minn kontinenti diversi biex jipproduċew dokument wieħed. It-tieni, hi tiddiskuti dwar is-sens ġdid ta' l-istorja u r-realizzazzjoni tal-ħidma li għad trid issir biex wieħed jasal għal dehra sħiħa ta' l-iżvilupp tat-Tielet Ordni fil-forma regolari u sekulari tiegħu. Hi tinsisti li din ir-riċerka ġdida trid tasal biex tfassal temi komuni fil-ħajjiet u l-kontribuzzjonijiet tat-Tieni u t-Tielet Ordni femminili, li fihom nisa ikkonsagrati jaqsmu flimkien l-esperjenza tal-ħajja evanġelika Franġiskana. Hi tgħid ukoll li l-patrijiet tat-Tielet Ordni jridu jiġu nklużi biex tiġi murija l-komplementarjetà ta' dan l-istil ta' ħajja evanġelika. Il-figuri ta' qaddisin u beati mhux tant magħrufin li semmejna juru l-bżonn li ssir riċerka aktar dettaljata dwar il-ħidma u l-wirt tat-Tielet Ordni.

It-tielet punt tar-riflessjoni ta' Margaret Carney juri kif il-ħidma fuq il-proġett tar-Regola wasslet għal ħolqien ta' rabtiet internazzjonali ġodda ta' komunikazzjoni bejn il-Franġiskani tat-Tielet Ordni. Sal-bidu tal-proġett tar-Regola fl-1976 ma kien sar l-ebda sforz biex tinħoloq konsultazzjoni bejn il-Franġiskani tat-Tielet Ordni fuq skala globali. Il-ħidma biex tiġi miktuba r-Regola wasslet għal ħolqien ta' struttura permanenti ta' ħajja, l-International Franciscan Conference of the Brothers and Sisters of the Third Order Regular (IFC-TOR).

Il-kontribut ta' Margaret Carney għar-Regola TOR ta' l-1982 jinbena fuq il-fatt li din il-fondazzjoni li għandha 800 sena bdiet minn San Franġisk bħala moviment penitenzjali. Fi ftit kliem ngħidu li l-Kliem ta' Ħeġġa ta' San Franġisk lill-Aħwa tal-Penitenza (1209-1220), flimkien mal-«Memoriale propositi» ta' Girgor IX (1228) jimmarkaw il-bidu tar-Regola TOR tallum. Imbagħad insibu d-dokumenti papali li komplew imexxu l-ħajja tat-Tielet Ordni Regolari: ir-Regola ta' Nicolò IV ta' l-1289, ir-Regola ta' Ljun X ta' l-1521, u r-Regola ta' Piju XI ta' l-1927. Il-ħidma ta' rinnovament bdiet bir-Regola ta' l-OFS approvata minn Pawlu VI fl-24 ta' Ġunju 1978, li ġiet segwita mir-Regola tat-TOR approvata minn Ġwanni Pawlu II fl-1982.

Is-Sorijiet u Patrijiet tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk ippreżentaw il-kariżma tagħhom fil-Knisja meta taw it-tweġibiet għal-«Lineamenta» ta' l-1994:

"L-enfasi mhijiex fuq xi elementi komuni ċentrati fuq il-kontemplazzjoni u t-tifħir ta' Alla, u lanqas fuq ħidma komuni ċentrata fil-missjoni konkreta ta' qadi lill-Knisja u lid-dinja. Hi pjuttost enfasi

fuq qalb komuni; xhieda profetika għal Kristu u għall-Evanġelju tiegħu kollu kemm hu. Id-dixxipli ta' Franġisku jinserixxu ruħhom fid-dinja, mingħajr ħidmiet speċifiċi, imma għal kull xorta ta' servizz biex jippromwovu l-Evanġelju"[19].

## *NOTI*

[1] L. IRIARTE, Franciscan History: The Three Orders of Saint Francis of Assisi, Translation by P. Ross, Franciscan Herald Press, Chicago 1983, 507.

[12] McCLOSKEY, Day by Day with Followers of Francis and Clare, St. Anthony Messenger Press, Cincinnati 1999, 66.

[3] McCLOSKEY, Day by Day with Followers of Francis and Clare, 67.

[4] McCLOSKEY, Day by Day with Followers of Francis and Clare, 47.

[5] P. PÉANO, Bearing Christ to the People: the Franciscan Sisters, their Origins, History and Persisting Values, Steubenville 1996, 79-80.

[6] IRIARTE, 518. Ir-Regola ta' l-1927 tinsab fil-ktieb ta' K. ESSER, Life and Rule: A Commentary on the Rule of the Third Order Regular of St. Francis, Franciscan Herald Press, Chicago 1967, xiii-xix. Cfr. M. HIGGINS, "The Charisms of the Third Order Regular of Penance of St. Francis", Analecta TOR 21 (1989) 246-250.

[7] M. SLOWICK, The Franciscan Third Order Regular in the United States: Origins, Early Years, and Recent Developments (Master's thesis, School of Franciscan Studies, Saint Bonaventure University 1998); "A Diverse Family: The Franciscan Third Order Rule in the United States", The Cord 54 (2004) 291-300.

[8] F. LOBO, "Mary of the Passion", The Cord 50 (2000) 82-87; McCLOSKEY, 138-139.

[9] C. AROKIASWAMY, Gift of the Centenary and Jubilee 2000: Canonization of Seven Franciscan Missionary of Mary Martyrs on October 1, 2000, Generalate of the Franciscan Missionaries of Mary, Rome 2000.

[10] A. CIRINO, "A Powerful Woman: Marianne Cope", The Cord 50 (2000) 66-69; F.A. THOM, "One Woman's Courage: Marianne Cope", The Cord 50 (2000) 70-75; M. RILEY, "Mother of Molokai", The Cord 50 (2000) 76; SLOWICK, "The Franciscan TOR", 17-18; M.C. DURKIN, Mother Marianne of Miloka'i; Heroic Women of Harwai'i, Editions du Signe, Strasbourg 1999.

[11] It-test sħiħ tar-Regola ta' l-1978 ta' l-Ordni Franġiskan Sekular jinsab fi STEWART, 31-38. Cfr. The Rule of the Secular Franciscan Order, with a Catechism and Instruction, edited by Z. GRANT, Franciscan Herald Press, Chicago 1981, 21-35. Cfr. The Cord 53 (2003) [Special Edition]: M. HIGGINS, "The Franciscan Rule: An Invitation to Relationship".

[12] STEWART, 312-320.

[13] McMULLEN, "The Development of the New Third Order Regular Rule", Resources for the TOR Rule, no. 9, 1-19.

[14] Th. HORGAN – M. CARNEY, "Problems and Possibilities: The Third Order Rule in Progress", The Cord 31 (1981) 164-170.

[15] "The Projected Third Order Rule", The Cord 31 (1981).

[16] CARNEY, "Commentary Introduction: TOR Rule", Resources for the TOR Rule, no. 10,1-5.

[17] M. CARNEY, "A Decade of Development", The Cord 42 (1992) 235.

[18] The Rule and Life of the Brothers and Sisters of the Third Order Regular of St. Francis and Commentary, American-English Commentary written by M. CARNEY and Th. HORGAN, The Franciscan Federation, Washington DC, 1982.

[19] G. SCHINELLI – M. HIGGINS, "The Sisters and Brothers of the Third Order Regular of Saint Francis. Response to the Lineamenta in light of the Special Assembly for America of the Synod of Bishops", The Cord 48 (1998) 241-243.

# JOHANNES JØRGENSEN E IL FRANCESCANESIMO

*Konvenju ta' Studji Franġiskani*




Is-Società Internazionale di Studi Francescani organizzat il-35 Konvenju ta' Studji Franġiskani f'Assisi, mill-11 sat-13 ta' Ottubru 2007. Din is-sena l-Konvenju kellu bħala tema «Johannes Jørgensen e il Francescanesimo», u jimmarka l-50 anniversarju mill-mewt ta' dan l-istudjuż Daniż ta' storja Franġiskana (1956-2006), li hu awtur ta' waħda mill-bijografiji moderni l-aktar magħrufin dwar San Franġisk.

Jens Johannes Jørgensen twieled fi Svendborg, Danimarka, fis-6 ta' Novembru 1866, u miet ukoll fi Svendborg fid-29 ta' Mejju 1956. Hu baqa' magħruf fid-Danimarka l-aktar bħala poeta, imma wkoll bħala l-awtur ta' bijografiji dwar San Franġisk (1907) u dwar Santa Caterina ta' Siena (1915). Meta kien student fl-Università ta' Copenhagen, Jørgensen kien dixxiplu tal-kritiku Georg Brandes, imma mbagħad hu qaleb għas-simboliżmu poetiku u beda juri interess fil-letteratura mistika u reliġjuża. Fl-1896 ikkonverta għar-reliġjon Kattolika, u minn dik is-sena kien joqgħod l-Italja għal perjodi twal ta' żmien. Kiteb ukoll awtobijografija tiegħu bit-titlu «Mit livs legende» (1916-1928), f'7 volumi.

Meta Johannes Jørgensen beda jikteb il-bijografija tiegħu dwar San Franġisk, konna ninsabu fl-eqqel tal-polemika li kien qajjem il-volum ċelebri ta' Paul Sabatier, «Vie de Saint Francois d'Assise», ippubblikat għall-ewwel darba fl-1893. Din il-bijografija kienet ippreżentat lil San Franġisk bħala riformatur awtentiku tal-Knisja fl-ewwel kwart tas-seklu 13, iż-żmien tal-Papa Innoċenz III, il-Konċilju tal-Lateran IV u l-5 Kruċjata. Imma Sabatier kien Protestant, u l-preżentazzjoni tiegħu ta' San Franġisk li ma ġiex mifhum mill-Kardinal Ugolino li ried li l-moviment spontanju tiegħu jsir Ordni reliġjuż ta' difiża għall-kattoliċeżimu, ma tantx daqqet tajjeb f'ċirkoli kattoliċi. Minkejja dan, il-bijografija ta' Sabatier tibqa' kapolavur ta' aġjografija fl-era moderna ta' l-istudji Franġiskani. Kien l-istess Paul Sabatier il-fundatur tas-Società Internazionale di Studi Francescani. Il-kontribut ta' Jørgensen fl-aġjografija Franġiskana moderna hu dak li jippreżenta l-ħajja ta' San Franġisk minn lenti kattolika.

Il-Konvenju ta' Studji dwar Johannes Jørgensen kien jitratta diversi temi marbutin ma' dan il-kittieb ta' storja Franġiskana. Bħas-soltu, nagħtu t-titlu tad-diversi konferenzi ta' studju li saru minn esperti ta' diversi universitajiet Ewropej.

Fabio Finotti (University of Pennsylvania): "Le biografie letterarie di Francesco d'Assisi tra '800 e '900".

Jørgen Stender Clausen (Università di Pisa): "Giovanni Jørgensen poeta e letterato".

Anna Scattigno (Università di Firenze): "Giovanni Jørgensen: itinerario biografico-religioso".

Yvonne Maria Werner (University of Lund): "Catholic Mission and Conversion in the Nordic Countries in the 19th and 20th Century".

Giovanni Cereti (Istituto di Studi Ecumenici S. Bernardino, Venezia): "Divisioni e ricerca dell'unità: dalla missione verso gli altri cristiani all'unionismo, all'ecumenismo".

Étienne Foulloux (Université Lumière Lyon 2): "Les conversions d'écrivain et d'intellectuels au catholicisme en Europe du XIXe au XXe siècle".

Stefano Brufani (Università di Perugia): "Il San Francesco d'Assisi di Giovanni Jørgensen".

Raimondo Michetti (Università Roma Tre): "Giovanni Jørgensen scrittore di agiografia".

Mario Sensi (Pontificia Università Lateranense, Roma): "Il pellegrinaggio e le guide ai santuari francescani di Giovanni Jørgensen".

Sandro Gentili (Università di Perugia): "Le amicizie letterarie italiane di Giovanni Jørgensen".

Teddy Petersen (Danish School of Journalism): "Johannes Jørgensen as journalist, reporting from Italy".

Caterina Zappia – Anna Selberg (Università di Perugia): "Gli amici artisti-pittori di Giovanni

Jørgensen".

Francesco Santucci (Accademia Properziana, Assisi): "Giovanni Jørgensen, Assisi e la Società internazionale di Studi Francescani".

Johannes Jørgensen jibqa' importanti fl-istorja ta' l-aġjografija Franġiskana moderna, għaliex hu offra preżentazzjoni tal-ħajja ta' San Franġisk li ddaħħal il-qaddis fil-kuntest ekkleżjali medjevali li fih għex, u tevita l-polemika bejn istituzzjoni u kariżma li għamlet il-bijografija ta' Sabatier waħda problematika għal interpretazzjoni paċifika tal-bixra vera ta' Franġisku li ried il-patrijiet tiegħu dejjem sudditi («subiecti pedibus») tal-Knisja mqaddsa Rumana.

Il-bijografija ta' Jørgensen tidher li tinbena l-aktar fuq il-fonti għall-ħajja ta' San Franġisk li ġejjin direttament minn sħab il-qaddis. Issegwi mill-qrib ir-rakkont tal-«Leggenda dei tre compagni», fl-ambjentazzjoni tal-ħajja ta' San Franġisk u l-ewlenin sħabu fil-kuntest ta' Assisi u l-Umbria.

L-awtur hu attent biex jevita kull polemika li kienet il-kawża tal-problemi li ltaqgħet magħhom il-ħajja ta' San Franġisk li kien kiteb Paul Sabatier. Din il-kapaċità ta' Jørgensen kienet ir-raġuni għaliex il-bijografija tiegħu niżlet aħjar għall-gosti ta' l-awtoritajiet ekkleżjastiċi kattoliċi.

Mill-banda l-oħra, iżda, ma nistgħux ngħidu li Jørgensen kiteb ħajja ta' San Franġisk ta' l-istess kalibru ta' Sabatier. Dan il-pijunier ta' l-istudji Franġiskani fl-era moderna jibqa' ċertament dak li fassal darba għal dejjem l-immaġini tal-qaddis serafiku kif toħroġ mill-fonti aġjografiċi medjevali. Ċertament Jørgensen ipprova jevita dak li Sabatier ma setax, jiġifieri l-polemika dwar l-element profetiku tal-kariżma evanġeliku ta' Franġisku u kif dan il-kariżma ġie mifhum u "ikkontrollat" mill-kardinal Ugolino, biex hekk il-fraternità fqajra ta' patrijiet Minuri saret, maż-żmien, flimkien mal-patrijiet Predikaturi, Ordni reliġjuż fl-avangwardja tal-ġlieda tal-Knisja kontra l-ereżija. Minkejja dan kollu, iżda, jibqa' l-fatt li lanqas Jørgensen ma rnexxielu joħroġ minn dak li l-istudjużi ta' l-aġjografija Franġiskana moderna jsejħulu ċ-"ċirku maġiku ta' Sabatier".

L-interventi fil-Konvenju internazzjonali huma ċertament kontribut siewi biex jerġa' jiġi valutat dan l-istudjuż li, għalkemm qrib ħafna tal-bidunett ta' l-istudji Franġiskani fl-era moderna, u ċertament illum għandu bżonn ta' bosta korrezzjonijiet fl-appart kritiku tiegħu, jibqa' jżomm il-mertu ta' kittieb ħafif u li jiġbdek bl-istil tiegħu, u li tana bijografija ta' San Franġisk li nistgħu, bir-raġun kollu, nqiegħduha fit-tieni post wara l-kapolvaur ta' Paul Sabatier.

# BEATI ĠODDA FRANĠISKANI MARTRI FI SPANJA

*Emilio Bárcena OFM*

Fil-bidu tal-Gwerra Civili Spanjola (1936) tliet patrijiet mill-Provinċja Franġiskana ta' Granada, li kienu offrew is-servizz tagħhom għal xi żmien fl-Art Imqaddsa, ġew maqtulin b'mod barbaru fi Spanja sempliċement għaliex kienu patrijiet. Huma parti minn qtajjiet kbar ta' martri, kalkolati li kienu mas-17 il-elf, tal-Gwerra Civili Spanjola, u huma biss tliet fost total ta' 212 patrijiet Franġiskani li mietu martri f'dawk is-snin. Provinċji Franġiskani, bħal dik ta' Castiglia, kienu spiċċaw għal kollox għax 90 fil-mija tal-patrijiet tagħha sfaw maqtulin.

Il-Papa Benedettu XVI approva l-beatifikazzjoni ta' 498 martri tal-Gwerra Civili Spanjola, li saret f'ċerimonja uffiċjali fit-28 ta' Ottubru 2007. Mill-Franġiskani maqtulin, 22 kienu jappartjenu għall-Provinċja ta' Castiglia. 7 oħra, fosthom it-tliet missjunarji fl-Art Imqaddsa li dwarhom qed nitkellmu, kienu jappartjenu lill-Provinċja ta' Granada. It-tliet Franġiskani kienu membri tal-komunità Franġiskana ta' Fuenteovejuna, belt fil-provinċja ta' Cordoba, fl-Andalusia. Fil-lejl tat-22 ta' Settembru 1936 huma ġew fuċilati fiċ-ċimiteru ta' Azuaga. Dawn it-tliet martri Franġiskani huma l-beati José Azurmendi, Luis Echevvaría u Francisco Carlès. Huma issa jkomplu jżidu l-lista diġà glorjuża tal-martiroloġju tal-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa.

### *José Azurmendi*

Twieled f'Durango (Vizcaya) fit-18 ta' Awissu 1870. Wasal fl-Art Imqaddsa fit-2 ta' Marzu 1900 fil-port ta' Ġaffa, u ġie milqugħ fil-kunvent ta' San Pietro, li l-Kustodja għad għandha sallum fuq ix-xatt ta' dan il-port Mediterran. Jumejn wara wasal Ġerusalemm, u mbagħad ġie mibgħut fil-kunvent ta' San Ġwann f'Ain Karem. Sena wara wettaq is-servizz tiegħu fil-Qabar ta' Kristu, u mbagħad intbagħat Betleħem fejn kien mastru ta' l-istudenti

għal sentejn. Minn hemm ġie trasferit Nazaret sa tmiem l-1906, fejn kien viċi-mastru tan-novizzi. Għal tliet snin mar jaħdem fl-Eġittu (Rosseta-Damiata u Ramle-Bacós), fejn kien superjur, kappillan, konfessur u kummissarju tat-Terz Ordni Franġiskan. Fl-1911 insibuh mill-ġdid għas-servizz tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu bħala penitenzier tal-pellegrini li jżuru s-santwarju. Imbagħad qatta' l-aħħar snin fl-Art Imqaddsa f'Ain Karem, u wara tnax-il sena servizz irritorna fi Spanja.

Intbagħat fil-kunvent ta' Fuenteovejuna. Hemmhekk ġie martirizzat fit-22 ta' Settembru 1936, meta kellu 62 sena.

### *Francisco Carlès*

Twieled f'Casares (La Coruna) fil-Galizia fl-14 ta' Jannar 1898. Ingħaqad mas-servizz tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa fit-22 ta' Ġunju 1922 u dam għas-servizz tagħha għal 13-il sena, sat-30 ta' Jannar 1935, meta reġa' lura lejn is-Santwarju ta' Regla, f'Chipiona. Ftit taż-żmien wara intbagħat fil-kunvent ta' Fuenteovejuna, fejn fl-1936 sofra l-martirju flimkien ma' sitt patrijiet oħrajn sħabu. In-Nekroloġju ta' l-Art Imqaddsa niżżel it-tifkira tal-mewt tiegħu bil-kliem: «Martyrium gloriose subiit a barbaris marxistis» (sofra martirju glorjuż mill-barbari marxisti).

Għandna 21 ittra taż-żmien li fih kien missjunarju fl-Art Imqaddsa, miktubin lill-Kustodju għal diversi raġunijiet. F'waħda minn dawn l-ittri, miktuba minn Aleppo fis-Sirja, fejn kellu l-uffiċċju ta' vigarju parrokkjali, fl-1928, jitlob il-permess biex imur lura għall-vaganzi, għax kien ilu nieqes sitt snin minn Spanja. Fil-fatt, Francisco kien għadda tliet snin f'Betleħem, imbagħad is-superjuri bagħatuh fis-Sirja, fejn dam sa l-1931 bħala vigarju parrokkjali f'Aleppo. Il-Kustodju ma xtaqx jagħtih permess biex imur għall-vaganzi, għax beża' li ma jirritornax. Kiteb lill-Ministru Ġeneral u talbu biex jimpedixxi li patri Francisco jitlaq minn Aleppo, għax kien jaf l-Għarbi tajjeb, u hu kien ġie biex jaqdi l-Kustodja għal tnax-il sena. Imma Francisco kompla jinsisti u fl-aħħar il-Kustodju tah permess li jmur Spanja.

Meta kien Spanja l-Kustodju lanqas ma naqas ifakkru biex jirritorna lura. Francisco Carlès wieġbu fl-1 ta' Ottubru 1928 u qallu li jieħu l-aħħar deċiżjoni tiegħu f'Chipiona. Hu ma xtaqx jirritorna, imma l-Kustodju tant insista li fit-18 ta' Diċembru Francisco kiteb li kellu jitlaq minn Marseilles u li kien dirett lejn Beirut. Fil-fatt ġie lura l-Kustodja u kompla s-servizz tiegħu f'Aleppo sa l-1931, meta intbagħat f'Ain Karem bħala kappillan. Fl-aħħar ittra tiegħu tal-15 ta' April 1934 jitlob li jsibulu sostitut, għax kien għadda ż-żmien tas-servizz tiegħu. Fl-1934 kien fil-kunvent ta' Ramleh, lest biex jirritorna lejn Spanja, fejn wasal f'Chipiona fit-30 ta' Jannar 1935. Iż-żmien li fih dam Spanja kellu jkun ta' l-aħħar, għax fit-22 ta' Settembru 1936 ġie maqtul meta kellu biss 42 sena, wara li kien ġie inkorporat fil-kunvent ta' Fuenteovejuna f'Mejju 1935.

### *Luis Echevarría*

Twieled f'Ceánuri (Vizcaya) fis-26 ta' Awissu 1895 u ġie għas-servizz tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa fil-11 ta' Lulju 1923. Beda s-servizz tiegħu f'Nazaret bħala korista, għax kien mużiċista tajjeb u kellu vuċi sabiħa ta' tenur. Dawn il-kwalitajiet wasslu lill-awtoritajiet tal-Kustodja biex jibgħatuh fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu bħala direttur tal-kant liturġiku. Dam f'dan l-inkarigu għal erba' snin. Fl-20 ta' Awissu 1928 kiteb ittra lid-Diskretorju ta' l-Art Imqaddsa li fiha talab li jkun eżentat mill-inkarigu ta' kantur. Is-superjuri bagħatuh mill-ġdid Nazaret bħala vigarju tal-kunvent u direttur tal-kant liturġiku.

Fl-10 ta' Ottubru 1929 irritorna fi Spanja, u f'Jannar 1933 ġie inkorporat fil-komunità ta' Fuenteovejuna, fejn waqqaf bibljoteka għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ. Anke hu inkuruna l-ħajja bieżla tiegħu bil-martirju meta kellu 41 sena.

### *Dettalji dwar il-martirju*

Nillimitaw ruħna biex nitkellmu dwar il-ħidma li dawn ir-reliġjużi wettqu wara li marru lura Spanja, fil-komunità ta' Fuenteovejuna fl-1936. Is-superjur ta' din il-komunità kien patri Felix Echevarría, li kien ħu patri Luis, u li kien ta' eżempju erojku ta' qawwa kristjana fil-mument tal-martirju. L-aktar anzjan tal-komunità kien patri José Azurmendi, li kien wasal biss ftit xhur qabel il-martirju, f'Lulju 1936. Fil-21 ta' Settembru 1936, fil-bitħa tal-ħabs ta' Azuaga, dan ġie assassinat b'mod viljakk għax ma aċċettax li jidgħi, kif riedu l-persekuturi tiegħu. Wara li sparawlu diversi tiri, kebbewh fi gverta meta kien għadu ħaj u ħaduh fiċ-ċimiteru ta' Azuaga, fejn miet, u fejn ftit sigħat wara ġew maqtulin ukoll sħabu l-oħrajn. Kellu 62 sena.

Kienet mill-aktar krudili l-mewt tal-Gwardjan, patri Felix Echevarría, li ħallewh għall-aħħar. Wara li sofra agunija terribbli, qatgħulu barra widnejh u qalgħulu għajnejh it-tnejn. Billi kompla jinsisti li jgħid "Viva Kristu Re!" kull darba li kien jisma' d-dagħa tal-persekuturi tiegħu, dawn spiċċaw biex

qatgħulu barra lsienu. Jingħad li l-istess qattiela baqgħu mistagħġbin bil-qawwa tal-patrijiet li ippreferew mewt l-aktar krudila biex ma jidgħux bl-isem ta' Ġesù.

Ir-rakkont tal-martirju ta' dawn il-patrijiet Franġiskani tal-Provinċja ta' Granada hu mniżżel f'dettalji fil-ktieb ta' patri Antonio Aracil, «Dolor y Triunfo». Antonio Aracil kien Prokuratur Ġenerali ta' l-Art Imqaddsa, li mbagħad irritorna fil-Provinċja u sar Ministru Provinċjal. Il-Provinċja ta' Granada hi benemerita għall-fatt li dejjem ikkonsagrat ruħha għas-servizz missjunarju tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, fejn jirriżultaw mijiet ta' patrijiet tagħha (sallum il-patrijiet Spanjoli ta' din il-Provinċja ta' Granada huma l-aktar grupp numeruż ta' patrijiet minn provinċja waħda fl-Art Imqaddsa).




**FRANCISCAN STUDIES**

Fr. Noel's new website Featuring Franciscan articles in English.

Sections include: Articles, Text, Reviews and Notes.

All articles are written or translated by Fr. Noel Muscat.

http://ofm.org.mt/noelmuscat


# KUNGRESS TAL-MODERATURI OFM TAL-FORMAZZJONI PERMANENTI

Mill-14 sat-28 ta' Ottubru 2007, l-Ordni tal-Patrijiet Minuri iċċelebra t-tieni Kungress Internazzjonali tal-Moderaturi tal-Formazzjoni Permanenti, fil-kunvent ta' Santa Maria degli Angeli (Porziuncola), Assisi. It-tema tal-Kungress kienet «Evangelium Observare» (Inħarsu l-Evanġelju). Għall-Kungress ħa sehem il-Ministru Ġeneral P. José Rodríguez Carballo OFM, flimkien mad-Definitorju Ġenerali ta' l-Ordni, P. Massimo Fusarelli OFM, Segretarju Ġenerali għall-Formazzjoni u l-Istudji, u l-Moderaturi tal-Formazzjoni Permanenti tal-Provinċji kollha ta' l-Ordni. Il-Provinċja Franġiskana Maltija kienet rappreżentata minn P. Marcello Ghirlando OFM.

Bħala preparazzjoni għal dan il-Kungress, l-Ordni hejja «Instrumentum Laboris» li jiġbor fih id-diversi temi li ġew diskussi matul il-Kungress. Dawn kienu jinkludu t-temi li ġejjin: (1) l-ewwel għaxar snin wara l-professjoni solenni; (2) l-età media u l-anzjani fl-Ordni; (3) il-gwardjani; (4) il-kapitlu lokali; (5) l-ispirtu tat-talb u d-devozzjoni; (6) il-formazzjoni tar-responsabbli ġodda fil-fraternità; (7) il-formazzjoni ta' l-aħwa li jagħmlu għażla lajkali; (8) il-formazzjoni speċifikament Franġiskana; (9) il-ġustizzja, il-paċi u l-integrità tal-ħolqien; (10) inizjattivi ta' formazzjoni permanenti; (11) min hu responsabbli mill-formazzjoni permanenti?; (12) l-ostakli għall-formazzjoni permanenti; (13) in-neċessitajiet l-aktar urġenti għall-formazzjoni permanenti.

L-istess «Instrumentum Laboris» introduċa wkoll temi ta' attwalità kbira fid-diskors tal-formazzjoni permanenti fl-Ordni, bħalma huma l-primat tal-persuna umana fil-formazzjoni integrali tagħha, il-metodoloġija ta' formazzjoni itineranti (metodoloġija ta' Emmaus), is-servizz ta' animazzjoni tal-gwardjani, l-akkumpanjament tal-patrijiet fid-diversi etajiet tal-ħajja, u l-proposta ta' proġett ta' ħajja personali u komunitarja.

Il-preparazzjoni għal dan il-Kungress saret b'mod intensiv waqt il-Kunsill Internazzjonali għall-Formazzjoni u l-Istudji, li sar f'Nairobi, Kenya, mill-5 sal-15 ta' Frar 2007.

Il-parteċipanti għall-Kungress kellhom okkażjoni li jiċċelebraw il-liturġija fid-diversi santwarji Franġiskani ta' Assisi, La Verna u l-Valle Reatina. Il-Ministru Ġeneral ħa sehem fil-quddiesa tal-ftuħ tal-Kungress, li saret fil-bażilika ta' Santa Maria degli Angeli fl-14 ta' Ottubru, kif ukoll fil-velja ta' talb li saret fil-bażilika ta' Santa Klara f'Assisi, fis-27 ta' Ottubru. Saret ukoll laqgħa kordjali ma' l-isqof il-ġdid ta' Assisi, Mons. Domenico Sorrentino, fil-Vescovado, li hu mimli tifkiriet Franġiskani tar-rabta li Franġisku kellu ma' l-isqof Guido t'Assisi.

Waqt il-Kungress kienu diversi l-interventi minn kelliema ta' fama fi ħdan l-Ordni tal-Patrijiet Minuri. P. Juan M. Ilárduia OFM tkellem dwar it-tema: «Ongoing Formation as a process of transformation of the person». Dan il-Franġiskan Spanjol hu awtur ta' volumi dwar metodoloġija kif wieħed jifformula proġett personali u komunitarju ta' formazzjoni permanenti fuq stil Franġiskan.

P. Massimo Fusarelli OFM, Segretarju Ġenerali tal-Formazzjoni u l-Istudji fl-Ordni, tkellem dwar it-tema: «Practical Means for Living Ongoing Formation. Living the Gospel every day and in every age of life». P. Massimo għandu esperjenza kbira tal-formazzjoni fl-Ordni, permezz ta' diversi żjarat lill-Provinċji li hu wettaq. Fuq kollox hu ippreparat fid-dinamika ta' formazzjoni permanenti li tingħata mhux fuq bażi anonima lill-massa tal-patrijiet, imma li għandha tkun mogħtija skond id-diversi etajiet u sensibilitajiet tal-patrijiet. L-aspett uman fil-formazzjoni permanenti hu fundamentali biex wieħed ikun żgur li l-kontenuti ta' l-istess formazzjoni ma jmissux biss l-isfera intellettwali, imma wkoll il-qalb, l-idejn, ir-riġlejn, ta' kull wieħed mill-aħwa fil-ħajja konkreta ta' kuljum.

P. Nestor Inacio Schwerz OFM, Segretarju Ġenerali għall-Evanġelizzazzjoni, tkellem dwar it-tema: «Evangelization, an appropriate area for Ongoing Formation starting out from the person and the fraternity».

P. Juan Ilárduia OFM tkellem ukoll dwar tema attwali u pratiku: «Community life project and the practice of communication and discernment». Illum il-ġurnata wasalna biex naqblu dejjem aktar li l-element fundamentali tal-formazzjoni permanenti mhuwiex il-kapaċità li nwasslu kontenuti ta' natura intellettwali permezz ta' ġranet ta' studju, seminars, laqgħat, eċċ, imma fuq kollox li noħolqu mekkaniżmu ta' komunikazzjoni fil-fraternità lokali, provinċjali u ġenerali. F'dinja li tinbena fuq ix-xjenzi ta' komunikazzjoni, għandna ħafna x'nitgħallmu biex nikkomunikaw aħjar bejnietna.

P. Ivan Matic OFM, Assistent Ġenerali ta' l-Ordni Franġiskan Sekular, tkellem dwar «Guidelines for the formation of Religious as Spiritual Assistants to the SFO». L-OFS illum għandu bżonn ta' Assistenti mhejjija tajjeb biex isegwu lill-Franġiskani Sekulari ħalli jibqgħu fidili għas-sejħa tagħhom Franġiskana. Din il-preparazzjoni għandha tagħmel parti integrali mill-formazzjoni permanenti tal-patrijiet, inkella l-OFS qatt ma jieħu r-ruħ, u nirriskjaw li jkollna fraternitajiet OFS li jieħdu bixra li ma taqbel xejn mal-kariżma tagħhom.

Fl-aħħarnett il-Ministru Ġeneral OFM tkellem dwar it-tema: «La formación permanente: un camino par llegar a ser yo mismo» (Il-formazzjoni permanenti: mixja biex jiena nkun fidili għall-verità tiegħi nnifsi).

Fi tmiem il-Kungress il-parteċipanti ippubblikaw messaġġ lill-patrijiet kollha ta' l-Ordni. Fost affarijiet oħrajn huma kitbu dawn il-kelmiet:

«At the beginning of this third stage of preparation for the celebration of the 8th Centenary of the foundation of the Order, we wish to entrust this Message to you, Brothers, to you older men and to you who are ill, so that you may face this delicate moment of your existence with faith and, in this way, continue to be our teachers of life; to you younger Friars and you who have undertaken the way of Francis, so that you may always keep your enthusiasm alive and help us to face the future with courage; to you of mature age, so that you may know how to remain always open to the challenges which life calls on us to face. We also greet the Friars who live in situations of tension and difficulty in various parts of the planet, thus giving witness to the Gospel».

Fl-Omelija ta' konklużjoni l-Ħadd 28 ta' Ottubru 2007, il-Ministru Ġeneral qal dawn il-kelmiet:

«In the context of the closing of the II International Congress of Moderators of Ongoing Formation in the OFM, prayer, when understood as a process which purifies the images we have of God and also of ourselves, is a not-to-be-missed "means" for believers and for each Friar Minor in the process of ongoing formation, i.e., of transformation and growth in the discipleship of Christ.

If ongoing formation is a process of conversion and transformation in order not only to become what you wish to make of yourself (anthropological conversion) but also to become what you are called to be by divine vocation (theological conversion), prayer is the primary means for bringing about this transformation and becoming, through grace and personal commitment and responsibility, children of God (cf. Rom 8,17) and, in our case, Friars Minor».

# KOTBA:




## *Enchiridion dell'Ordine dei Frati Minori*

*Enchiridion dell'Ordine dei Frati Minori. Documenti* 1966-1989, 1 Edizione, L.I.E.F., Vicenza 2007, pp. XX+1079.

Dan hu l-ewwel wieħed f'serje ta' volumi li ġew programmati li jiġu stampati għall-okkażjoni tat-8 ċentenarju mill-fundazzjoni ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri (1209-2009). Ġie pubblikat taħt il-kura ta' l-Ufficio Comunicazioni tal-Kurja Ġenerali OFM f'Ruma, u jiġbor fih dokumenti uffiċjali ta' l-Ordni, jew li għandhom x'jaqsmu ma' l-Ordni, mill-1966 sa l-1989. Iż-żewġ volumi li fadal se jiġbru fihom id-dokumenti bejn l-1990 u l-2006.

L-iskop ta' din il-pubblikazzjoni hu dak li wieħed ikollu dehra panoramika, imma wkoll konkreta u dettaljata, tal-mixja li l-Ordni tal-Patrijiet Minuri għamel minn żmien il-Konċilju Vatikan II sallum. Din hi mixja li tagħmel parti mill-memorja ta' l-għeruq storiċi ta' l-istess Ordni, imwaqqaf minn San Franġisk 800 sena ilu, bl-iskop li l-patrijiet isibu għajnuna biex jgħixu l-vokazzjoni u l-missjoni tagħhom illum, bit-tama li jittrażmettuha, b'mod li jiġbed, lil dawk kollha li jridu jħaddnu l-«forma vitae» ta' Franġisk ta' Assisi.

## *Nisa qaddisin fil-moviment ta' l-Osservanza Franġiskana*

JACQUES DALARUN – ALFONSO MARINI – MARIO SENSI – ANGELA SCANDELLA – MARIA TERZONI, *Uno sguardo oltre. Donne, letterate e sante nel movimento dell'Osservanza francescana*, "Studi e ricerche", Edizioni Porziuncola, Santa Maria degli Angeli, Assisi 2007, pp. 200 + 8 tavole a colori, ISBN 978-88-270-0608-5 – email: edizioni@assisiofm.org

Il-ġrajja ta' Santa Klara t'Assisi u l-avventura spiritwali tagħha ma ntemmitx mal-mewt tal-qaddisa. Lanqas ma nistgħu ngħidu li l-għarfien tal-figura u ta' l-opra tagħha nistgħu nillimitawhom biss għall-istudju tal-kitbiet u tar-Regola tagħha.

Is-sekli 15 u 16 fl-Italja kienu mument ta' fjoritura kbira ta' riforma importanti Franġiskana, dik ta' l-Osservanza Regolari. Bosta jaħsbu li din ir-riforma kellha x'taqsam biss mal-patrijiet ta' l-I Ordni Franġiskan. Imma jekk wieħed jaħseb li l-patrijet kellhom f'idejhom il-«cura monialium» (il-kura pastorali tas-sorijiet klawstrali), jiġifieri tal-Klarissi, wieħed jasal biex jindaga dwar x'effett riforma bħal din kellha wkoll fuq il-familja ta' Santa Klara.

Mill-1263, appena għaxar snin wara l-approvazzjoni tar-Regola ta' Santa Klara u l-mewt tal-qaddisa, il-Papa Urbanu IV ta lill-Klarissi Regola ġdida bil-Bulla «Beata Clara», u tahom l-isem uffiċjali ta' «Ordni ta' Santa Klara». Dan il-ġest, iżda, wassal biex il-Klarissi jitbiegħdu sew mill-idejali oriġinali tal-fundatriċi. Kien għalhekk li r-riformaturi kbar tas-seklu 15, l-aktar San Bernardin minn Siena u San Ġwann minn Capestrano, ħadmu biex jirriformaw bosta monasteri tal-Klarissi u jreġġgħuhom lura għall-osservanza primittiva tar-Regola ta' Santa Klara.

Din hi paġna ftit studjata fl-istorja Franġiskana, li ssir aktar interessanti meta wieħed jintebaħ li din il-ħidma ta' riforma kienet possibbli biss bil-kontribut li reliġjużi nisa Klarissi taw lill-Franġiskani ħalli jwettqu riforma hekk importanti. Dan il-volum, xogħol ta' équipe ta' studjużi lajċi ta' l-istorja Franġiskana u medjevali, li huma ta' fama internazzjonali, jiftaħ orizzont ġdid fl-istudju ta' l-istorja tat-II Ordni Franġiskan, fir-relazzjoni li kellu ma' l-I Ordni, relazzjoni li mhux dejjem kienet frott ta' kollaborazzjoni reċiproka.




## *Facere Misericordiam*

PIETRO MARANESI, *Facere Misericordiam. La conversione di Francesco d'Assisi. Confronto critico tra il Testamento e le Biografie*, Edizioni Porziuncola, Santa Maria degli Angeli, Assisi 2007, pp. 320, ISBN 978-88-270-0578-3, ¤ 35,00.

L-istorja tal-qaddis Franġisk ta' Assisi hi mibnija essenzjalment fuq il-proċess ta' konverżjoni li għadda minnu l-fqajjar ta' Assisi qabel ma iddeċieda li joffri ħajtu għas-servizz ta' Kristu u ta' l-Evanġelju. F'dan il-volum Pietro Maranesi jagħmel eżami kritiku tal-Fonti bijografiċi li jirreferu għal San Franġisk ta' Assisi biex hekk ifassal in-nisġa tar-rakkont tal-konverżjoni tal-qaddis.

Il-volum jagħmel eżami tad-diversi siltiet mill-Fonti, billi jiżviluppa analiżi ta' tip strettament eseġetiku, biex jiddetermina d-dinamika interna ta' dawn ir-rakkonti, biex jasal ħalli jistabilixxi mhux tant il-verità tal-fatti, daqskemm l-intenzjonijiet awtobijografiċi u aġjografiċi tar-rakkonti.

Il-volum hu magħmul minn żewġ taqsimiet. L-ewwel taqsima hi intitolata «La conversione nel Testamento di Francesco» u fiha żewġ kapitli: (1) «Il Testamento di Francesco. Uno sguardo introduttivo»; (2) Il racconto autobiografico della conversione». It-tieni taqsima hi intitolata «La conversione di Francesco secondo la tradizione delle prime leggende», u fiha tliet kapitli: (1) «Elementi introduttivi e strutturazione del materiale narrativo»; (2) «Le dinamiche narrative della conversione secondo le sette Biografie»; (3) «I racconti dell'incontro con il lebbroso».

## *Il Comune di Assisi*

MARINO BIGARONI, *Assisi. L'alba del comune. Tipico esempio di come si formava un Comune Medioevale*, Edizioni Porziuncola, Assisi, 2005, pp. 188 + 12 tavole, ISBN 88-270-0536-6, ¤18,00.

Il-volum ta' storja jirrakkonta l-formazzjoni u l-iżvilupp tal-"Platea Comunis" ta' Assisi, espressjoni li tirreferi għat-twelid u għall-istorja tal-Comune ta' Assisi. L-awtur ma jieqafx biss fid-deskrizzjoni tal-monumenti, imma wkoll tal-fonti arkivistiċi u ikonografiċi. Jagħmel studju tal-bini kollu li jdawwar il-Piazza del Comune ta' Assisi, jiġifieri l-Palazzo del Podestà, it-Torre Civica, il-Palazzo del Capitano del popolo, il Palazzo dei Priori, il-Monte di Pietà u l-Palazzo del governatore. Dwar kull palazz hu jirrakkonta d-data u ċ-ċirkostanzi tal-bini u d-diversi fażi ta' ristrutturazzjoni, dejjem fil-kuntest ta' l-importanza li l-Piazza del Comune, «Forum» antik ta' żmien ir-Rumani, kellha fil-ħajja taċ-ċittadini ta' Assisi.

Jissemmew tliet dokumenti li huma meqjusin bħala fundamentali għall-istudju ta' kif twieled il-Comune ta' Assisi, u hemm traskrizzjoni tagħhom fl-appendiċi. L-awtur isemmi wkoll id-diversi ħidmiet ta' għotja lura tal-karattru medjevali lil Assisi fi żmien li kien podestà l-famuż studjuż Arnaldo Fortini, l-aktar fil-perjodu 1920-1930. Il-volum fih ukoll sensiela ta' stampi bil-kulur li jgħinu lill-qarrejja jifhmu aħjar il-bini li għalih l-awtur qiegħed jirreferi.

Noel Muscat OFM

# Evangelium Observare

"

*Mill-Omelija tal-Ministru Ġeneral*
*fil-Kungress tal-Moderaturi tal-Formazzjoni Permanenti OFM*
*Assisi, 14 ta' Ottubru 2007*

*«We are beginning the II International Congress of Moderators of Ongoing Formation of the Order of Friar Minor, a powerful moment in the process of renewal which the Order began a few years ago with the publication of the new General Constitutions and through the different meetings and documents which have marked our post-conciliar journey; a renewal which finds its focal point in Ongoing Formation. Without it, in fact, personal or institutional renewal could not be spoken of; without it, creative fidelity to our vocation and mission could not be spoken about. In the context of the readings we have heard, we could well say that ongoing formation, as a process of conversion, just as our documents and the documents of the Church define it, is nothing less than a process which leads us to revive the gift of God in us, as the Apostle says. It is a process which leads us to bring the gifts we have received to fruition by developing "harmoniously" our "physical, mental, moral and intellectual gifts" (Ratio Formationis Franciscanae, 45) and, in this way, being able to achieve human, Christian and franciscan maturity in fraternity (cf. General Constitutions OFM, 39). We could well say, in this sense, that ongoing formation helps us to live the grace of the future in the here and now. May the Lord, through the intercession of the Virgin made Church and of our father St. Francis, grant us "Evangelium observare", passion, and personal and fraternal commitment through ongoing formation so that we may not come to a stop in a nostalgia for the past or in a paralysis of the present, which we do not succeed to understand fully, but rather to live with the passion which the capacity to embrace the future with hope requires».*

"

## Abbrevjazzjonijiet

### Kitbiet ta' S. Franġisk

| | |
|---|---|
| *Adm* | Admonitiones. |
| *CantAudPov* | Cantico Audite Poverelle. |
| *CantSol* | Canticum fratris Solis. |
| *LaudDei* | Laudes Dei Altissimi. |
| *BenLeo* | Benedictio fratri Leoni data. |
| *EpAnt* | Epistola ad sanctum Antonium. |
| *EpCler I* | Epistola ad Clericos (Redactio prior). |
| *EpCler II* | Epistola ad Clericos (Red. posterior). |
| *EpCust I* | Epistola ad Custodes I. |
| *EpCust II* | Epistola ad Custodes II. |
| *EpFid I* | Epistola ad Fideles I. |
| *EpFid II* | Epistola ad Fideles II. |
| *EpLeo* | Epostola ad fratrem Leonem. |
| *EpMin* | Epistola ad Ministrum. |
| *EpOrd* | Epistola toti Ordini missa. |
| *EpRect* | Epistola ad populorum rectores. |
| *ExhLD* | Exhortatio ad Laudem Dei. |
| *ExpPat* | Expositio in Pater noster. |
| *FormViv* | Forma vivendi sanctae Clarae data. |
| *Fragm* | Fragmenta alterius RegulaeNB. |
| *LaudHor* | Laudes ad omnes horas dicendae. |
| *OffPass* | Officium Passionis Domini. |
| *OrCruc* | Oratio ante crucifixum. |
| *RegB* | Regula bullata. |
| *RegNB* | Regula non bullata. |
| *RegEr* | Regula pro eremitoriis data. |
| *SalBMV* | Salutatio beatae Mariae Virginis. |
| *SalVirt* | Salutatio virtutum. |
| *Test* | Testamentum. |
| *UltVol* | Ultima voluntas S. Clarae scripta. |

### Fonti ta' S. Franġisk

| | |
|---|---|
| *1C* | Tommaso da Celano, *Vita Sancti Francisci.* |
| *LCh* | Celano, *Legenda ad usum chori.* |
| *2C* | Celano, *Memoriale in Desiderio Animae.* |
| *3C* | Celano, *Tractatus de Miraculis S. Francisci.* |
| *LJS* | Julian of Speyer, *Vita Sancti Francisci.* |
| *OR* | *Officium Rhythmicum S. Francisci.* |
| *AP* | *Anonimo Perugino.* |
| *L3C* | *Leggenda dei Tre Compagni.* |
| *CA* | *Compilatio Assisiensis.* |
| *LM* | S. Bonaventura, *Legenda Maior S. Francisci.* |
| *LMin* | S. Bonaventura, *Legenda minor S. Francisci.* |
| *SP* | *Speculum Perfectionis.* |
| *SC* | *Sacrum Commercium S. Francisci.* |
| *ABF* | *Actus Beati Francisci et Sociorum Eius.* |
| *Fior* | *Fioretti di San Francesco.* |

### Kitbiet u Fonti ta' S. Klara

| | |
|---|---|
| *BenCl* | Barka ta' S. Klara. |
| *EpAgn I-IV* | Ittri lil S. Agnese ta' Praga. |
| *LegCl* | *Legenda Sanctae Clarae Virginis.* |
| *PrivPaup* | *Privilegium Paupertatis.* |
| *ProcCan* | *Processo di Canonizzazzione.* |
| *RegCl* | Regola ta' S. Klara. |
| *TestCl* | Testment ta' S. Klara. |